QORTI CIVILI – PRIM'AWLA
(SEDE KOSTITUZZJONALI)
ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

Rikors Guramentat Nru.: 27/2017 MH

Illum, 30 ta' Novembru, 2018

Charles Bugeja (KI 0117766M) u Mariel Bugeja (KI 0077168M)

vs

1. **Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika);**
2. **Avukat Ġenerali;**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' Charles Bugeja u Mariel Bugeja datat 27 ta' April, 2017[1] fejn gie premess illi:

1. *"Illi r-rikorrenti huma mard l-ulied u l-eredi tal-mejjet Charles sive Carmelo Bugeja li miet fl-1 ta' Dicembru, 2014 (vide certifikati tat-twelid – Dok. 1-4, certifikat tal-mewt ta` l-imsemmi Charles– Dok 5, causa mortis Dok. 6);*

[1] Fol 1

2. *Illi l-imsemmi Charles Bugeja miet kagun ta` kancer ikkagunat esklussivament mill-esposizzjoni ghall-asbestos, maghruf bhala Malignant Mesothelioma (vide kawza tal-mewt fic-certifikat tal-mewt Dok 5);*

3. *Illi Charles Bugeja kien jahdem mal-Malta Drydocks u dan hajtu kollha sakemm irtira fis-sena 1992, u qatt ma kellu impieg iehor (vide certifikat tal-Impieg tal-ETC anness u mmarkat Dok.7);*

4. *Illi matul il-perjodu kollu li Charles Bugeja kien impjegat it-tarzna, l-asbestos kien `staple material` fl-imsemmija korporazzjoni u kien jintuza f`ammonti kopjuzi minghajr l-ebda kontroll effettiv;*

5. *Illi ilu ghexieren shah ta` snin maghruf li l-esposizzjoni ghall-asbestos tikkaguna dannu serju ghal sahhet il-bniedem, twassal ghal mard serju u tista` wkoll tikkaguna l-mewt;*

6. *Illi minkejja tali gharfien, l-awtoritajiet tas-sahha, naqsu milli jinfurmaw dwar tali perikolu u naqsu li jipprovdu lil Charles Bugeja bi protezzjoni legali u fattwali adegwata biex jilqghu ghall-hsara kkagunata mill-asbestos, u infatti miet minhabba tali esposizzjoni;*

7. *Illi l-esposizzjoni ghall-asbestos u l-effetti tieghu affettwat b`mod negattiv il-kwalita` tal-hajja tar-rikorrenti li gew imcahhda prematurament minn presenza sinjifikanti f`hajjithom u li kienu jassistu fil-kura palljattiva ta` missierhom minhabba marda ngustament u ntortament kontratta minnu (vide Affidavit ta' Charles Bugeja (junior) anness u mmarkat Dok.8);*

8. *Illi ghalhekk jissodisfaw il-kriterji biex ikollhom locus standi bhala vittmi, u dan ai termini ta` l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id- Drittijiet tal-Bniedem applikabbli f`Malta tramite l-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta;*

Ghaldaqstant *ghall-fatti u ghar-raguni fuq premessi, u ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw matul il-procedura odjerna, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li fil-konfront individwali tar-rikorrenti gie vjolat:-*

1) *Id-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja, u li l-hajja tal-individwu ma titqieghedx f`periklu bla bzonn, ai termini tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, u ta` l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli ukoll lokalment via l-Kap 319 fuq gia riferit;*

2) *Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tal-individwu ai termini tal-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni Ewropea, applikabbli wkoll lokalment via l-Kap 319 fuq gia` riferit u applikabbli ukoll skond il-Kostituzzjoni;*

3) *Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata fit-termini tal-paragrafu precedenti pero` f`dak li ghandu x`jaqsam mad-dritt ghall-informazzjoni dwar perikli marbutin ma` l-asbestos;*

4) *Tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad- drittijiet fuq indikati jew liema minnhom fil-konfront tar-rikorrenti individwalment;*

5) *Tillikwida dan l-ammont ta` kumpens;*

6) Tordna li l-ammont hekk likwidat bhala rimedju pekunjarju jithallas lir-rikorrenti individwalment."

Rat ir-risposta tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) u tal-Avukat Ġenerali[2] fejn gie eccepiet illi:

"(I) Illi in linea preliminari, l-esponenti jirrilevaw li l-lanjanzi tar-rikorrenti li jirreferu ghall-perjodu ta' qabel it-30 ta' April 1987 ma jistghux jigu mistharga minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

(II) Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala insostenibbli stante li fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għas-segwenti raġunijiet li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

(i) Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti għandhom iġibu prova li Charles Bugeja kien fil-fatt espost għall-asbestos waqt li kien jaħdem mal-Malta Drydocks Corporation u li l-marda li kellu kienet allegatament il-konsegwenza u l-kawża unika tal-fatt li hu kien hekk espost;

(ii) Illi fit-tieni lok, l-esponenti jirribattu li ħadd mill-intimati odjerni ma qiegħed il-ħajja tar-rikorrenti fil-perikolu jew b'xi mod ċaħħadhom mid-dritt għal ħajjithom u ghalhekk ic-cirkostanzi odjerni ma jirraprezentaw l-ebda ksur tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(iii) Illi fit-tielet lok, la l-Artikolu 8 u lanqas ebda artikolu ieħor fil-Konvenzjoni Ewropea u fil-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistabilixxi xi dritt fundamentali t'informazzjoni dwar perikli assoċjati mal-asbestos jew ma' kwalunkwe

materjal ieħor kif qed jippretendu r-rikorrenti u għalhekk ic-cirkostanzi odjerni lanqas ma jirraprezentaw xi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(iv) Illi fir-raba lok u mingħajr pregudizzju, l-esponenti jirrilevaw ukoll li kif saru maghrufa fuq livell internazzjonali r-riskji ta' dan il-materjal, il-legislatur għadda liġijiet biex iwaqqaf l-importazzjoni ta' dan il-materjal, filwaqt li l-amministrazzjoni tat-Tarzna provdiet maskri u tagħmir protettiv lill-ħaddiema u ġie żgurat li jkun hemm ventilazzjoni adegwata għaddejja fuq il-post tax-xoghol;

(v) Illi ghar-ragunijiet fuq esposti, fic-cirkostanzi odjerni kwalunkwe talba ghal hlas ta' kumpens fil-konfront tal-esponenti hija infondata. Madanakollu, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li kien hemm xi ksur, fic-cirkostanzi odjerni fl-umli fehma tal-esponenti dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti;

(viii) Salv eċċezzjonijiet oħra, jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, l-esponenti għar-raġunijet fuq esposti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara li c-cirkostanzi odjerni ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea da parte tal-intimati billi tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha kif dedotti fir-Rikors Promotur; bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet il-provi mressqa.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza ġiet imħollija għas-sentenza għal ġurnata tal-lum

Ikkonsidrat

Illi f'din il-kawża ulied il-mejjet Charles Carmelo Bugeja qed jfittxu l-intimati għal ksur ta' l-artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem (konvenzjoni) ukoll għal ksur ta' l-artikolu 33 kif sanċit fil-Kostituzzjoni ta' Malta, (Kostituzzjoni). Jitolbu konsegwentement r-rimedju fil-forma ta' kumpens xieraq riżultanti l-istess vjolazzjonijiet jew liem minnhom.

Provi Mressqa

1. L-attur **Charles Bugeja** preżenta affidavit[3] fih jgħid li hu u l-attriċi oħtu huma ulied il-mejjet Charles Bugeja li kien ġie *diagnosed* b'kanċer magħruf bħala *Malignant Mesothelioma* f'Mejju tas-sena 2014 u miet fl-1 ta' Diċembru, ta' l-istess sena. Jgħid li qabel dan missieru ma kien ibati minn ebda kundizzjoni qabel ma marad ħlief għal pressjoni għolja. Qal li missieru kien twieled fis-sena 1931.

Żid li missieru kien ħadem ħajtu kollha t-tarzna sakemm irtira fis-sena 1992. Beda bħala *shipwright* imbagħad beda jagħmel xogħol ta' *accounting* ġot-tarzna stess.

[3] Folio 13

Iddeskriva lil missieru sakemm marad bħala bniedem attiv, kien jieħu ħsieb il-ġnien imdaqqas tiegħu, kien jagħmel il-maintenance tad-dar kollha, mentalment aġili u li kien jieħu interess fil-ġrajjiet kuurenti.

Qal li fis-sena 2014 missieru beda jħoss uġiegħ f'daharu u wara li ġie riferut għal *biopsy,* irrizulta li kellu kanċer minħabba l-*asbestos*. Qal li ġie rakkomandat lilu li jieħu biss kura paljattiva. Żid li kien imur għal kura Boffa kull ġimgħatejn u li kienet dejjem twasslu l-koattriċi oħtu. Anke li sakemm dam marid missieru kienet l-istess oħt li kienet tmur tieħu ħsiebu, bħal taghmillu s-s*hopping,* tindukra l-ġnien u tisjir. Spjega li anke li meta missieru beda jbati minn ugiegħ f'daharu l-ordni li kellu f'ħajtu bdiet titnaqqar.

2. Ir-rikorrenti esibew xi traskrizzjonijiet ta' xhieda mill-atti tal-proċeduri b'mertu simili fl-ismijiet **George Spiteri vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et.** deċiżi minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 2016:

a. **Xhieda tal-Profs. Joseph Cacciattolo**[4] fil-kwalita' tiegħu ta' Kap tad-Dipartiment tal-Mediċina fl-Universita' ta' Malta u *Consultant Respiratory Physician fid-Dipartiment tas-Saħħa*. Qal li r-rikorrent f'dik il-kawża lid-deċduti kienet żviluppatlu l-kundizzjoni msejha *pleural effusion* u wara testijiet ulterjuri ġie skopert kellu *pleural mesothelioma,* li huwa kanċer tar-rita (*lining*) tal-pulmun. Huwa qal hekk –

"Jiena ma kelli l-ebda dubbju li l-marda li kien isofri biha s-Sur Spiteri kienet kawża diretta tal-fatt li kien espost għall-asbestos."

Il-Professur xehed estensivament dwar l-effetti tal-*asbestos* fuq is-saħħa tal-bniedem:

[4] Fol 30 et seq.

"D: Tista' tikkonferma n-ness esklussiv bejn l-espożizzjoni għall-asbestos u l-pleural mesothelioma?

***R: Ngħid li iva hemm relazzjoni kawżali, 'a direct causal relationship' bejn l-espożizzjoni għall-asbestos u l-pleural mesothelioma[5].** Niċċara li l-pleural mesothelioma hija cancer tar-rita (lining) tal-pulmun.*

D. Liema tipi oħra tal-cancer jew mard serju oħra jistgħu jirriżultaw minħabba l-exposure għall-asbestos.

R. L-exposure għall-asbestos, tista' tirriżulta fi mesothelioma tar-rita (lining) tal-msaren, tar-rita ta' madwar il-qalb u tar-rita ta' madwar it-testikoli. Minbarra hekk l-asbestos huwa kawża ta' tip oħra ta' cancer tal-pulmun innifsu. Bniedem li huwa espost għall-asbestos jista' jiżviluppa asbestosis li hija marda li taffettwa l-pulmun billi tikkawża fibrosis li hija marda serja li ġġiegħel il-pulmun jiċkien u jonqos mill-funzjoni tiegħu. L-asbestos jista' ukoll jikkawża qxur fil-pleura li hija r-rita madwar il-pulmun.

Il-Professur Cacciatollo żid ukoll li evidenza xjentifika li tassoċja l-espożizzjoni għall-asbestos mal-kanċer tirrisali għas-sena 1938. Eventwalment in-ness bejn l-asbestos u *pleural mesothelioma* kien ġie ndikat fil-*British Medical Journal* 1960. F'dik l-epoka, dan il-gurnal mediku kien wieħed miż-żewġ ġurnali mediċi prinċipali li kienu jinqraw mit-tobba Maltin.

Inveċe għal dak li hu ness bejn it-tipjip u l-kanċer tal-pulmun, dan kien ġie stabbilit għal ħabta tal-1950 u kien anke ġie ndikat fil-gurnali mediċi. Id-Dipartiment tas-Saħħa f'Malta kien għamel kampanja ta' nformazzjoni li bdiet

[5] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti

bejn wieħed u ieħor fl-1986. Il-Konsulenti tal-isptar kienu ħarġu wkoll *statement of concern.*

b. **Xhieda ta' Ray Busuttil Supretendent tas-Sahha Pubblika**[6] - Huwa qal illi r-rwol tiegħu ikopri l-ħarsien tas-saħħa pubblika skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi. Minn tiftix li għamel mis-sena 1956 'il quddiem, huwa ma rrintraċċa ebda dokumentazzjoni, informazzjoni jew direzzjoni dwar l-użu tal-asbestos in ġenerali fuq skala nazzjonali. Kien hemm biss episodju speċifiċi. In kontro-eżami huwa qal li d-Dipartiment ġieli rcieva mistoqsijiet individwali minghand persuni li jiġu f'kuntatt mal-asbestos u dan sabiex jiggwidawhom dwar x'għandhom jagħmlu f'tali sitwazzjoni. Ir-rwol tad-Dipartiment f'tali każijiet huwa li jirreferu s-sitwazzjoni lil *teams* imwaqqfa appożitament. Dawn it-*teams* huma separati mid-Dipartiment. In ri-eżami qal li bħala Dipartiment huma jkunu nvoluti f'kampanji li jolqtu s-saħħa pubblika.

c. Xhieda ta' Joseph Saliba **Health and Safety manager mal Malta Shipyard**. Spjega fil-konfront ta' l-asbestos li normalment jeżistu sitt tipi pero' l-aktar komuni fosthom huma tlieta u jinsabu f'diversi prodotti – ġo *lagging* bħala *insulation, boards, insulation* fil-*wiring* ecc. Minn meta bdew jeżaminawhom, fit-tarzna kienu tlieta t-tipi ta' asbestos li kienu l-aktar jiltaqgħu magħhom, bl-aktar wiehed ikun dak imsejjaħ *white asbestos*. Dan it-tip ta' asbestos huwa meqjus bħala l-inqas wieħed li jagħmel ħsara. Imbagħad kellhom l-*amosite (brown asbestos),* u l-agħar wieħed fost is-sitt tipi kien *crocidolite* – dan ftit li xejn kien jidħol it-Tarzna iżda nstab minnu wkoll. Qal li minn dan l-aħħar tip, xi darbtejn biss instab minnu.

[6] Fol 35 et seq

Dwar l-għarfien fuq l-effetti tal-asbestos huwa xehed li[7]:

"...fid-dinja kollha damu ħafna ma saru aware minnhom tant hu hekk li sat-2012 il-Kanada kienet għadha tagħmel mining għal white asbestos għaliex kienu jgħidu li ma jagħmilx ħsara[8]."

Saliba jgħid li meta f'Malta sar l-għarfien tal-effetti tal-*asbestos*, lejn nofs is-snin disgħin (circa 1996) it-Tarzna bdiet tieħu l-prekawzjonijiet li hemm bżonn u kienu javżaw lill-ħaddiema biex jekk jista' jkun ma jintmissx. Jekk pero' dan ma kienx possibbli kienu jitqabbdu nies apposta bis-*safety wear* apposta u l-area tiġi *sealed*. Huwa semma li meta kien jidħol xogħol relatat ma' rikondizzjonament ta' xi vapur, kienu jġibu nies minn barra, jieħdu kampjuni, jaraw x'hemm u tittieħed il-prekawzjoni neċessarja. Bħala eżempju semma li jekk kienet tkun ser tinqala panel u jkun hemm suspett li fiha l-asbestos, kien jittieħed kampjun, jiġi analizzat u mbagħad tingħalaq l-area u jitneħħa l-materjal skont il-bżonn. L-asbestos li kien jinġabar kien jigi miksi sew fil-plastik u jinħazen ġo mini li kellha t-Tarzna. Fl-1999 ix-xhud kien anke ntbaghat fl-esteru għat-taħriġ u wara ġie ċertifikat bħala analist fuq l-*asbestos fibres*. Lejn l-aħħar ta' dik l-istess sena it-Tarzna xtrat l-apparat kollu meħtieġ. Ukoll li f'Malta ma kienx hawn bħalu dan l-apparat u ma kienx hawn oħrajn li jaghmlu dan l-eżami. Meta mbagħad inġabar l-asbestos kollu, kienet ħarget tender għall-esportazzjoni tiegħu u b'dan il-mod dan il-materjal tneħħa kompletament minn ġot-tarzna.

Ix-xhud ikompli li b'riżultat ta' dan l-għarfien fuq l-asbestos, lill-ħaddiema li kienu jiżviluppaw xi problema ta' saħħa kienu jintbagħtu l-isptar għal testijiet. Imbagħad dawk il-ħaddiema, fosthom ix-xhud, li bħala parti minn xogħlhom

[7] Fol 400
[8] fol 401

kienu jieħdu l-kampjuni tal-asbestos, kienu jmorru l-isptar għal testijiet tal-pulmun u *check-ups* mediċi bħala rutina. Għal bidu kien hemm uħud li rreżistew dawn iċ-*check-ups* iżda maż-żmien is-sistema ndrat.

Qabel ma akkwistat dan l-għarfien iżda, Saliba jirrikonoxxi li dawn il-prekawzjonijiet ma kinux jittieħdu għax it-Tarzna ma kellhiex l-apparat u *know how* ta' kif isiru dawn it-testijiet. Huwa qal ukoll li sa minn żmien l-Ingliżi l-ħaddiema tat-Tarzna kienu jingħataw *dangerous employment allowance* li eventwalment tneħħiet.

In kontro-eżami Saliba qal li meta huwa kien daħal jaħdem it-Tarzna fl-1966 ingħata taħriġ iżda l-asbestos qatt ma kien issemma. Huwa kkonferma li kienu jkunu f'kuntatt mal-asbestos għax kien ikollhom rombli ta' *asbestos sheets* u peress li dan kien materjal tajjeb biex jilqa' kontra s-sħana kienu juzawh u jqattgħuh biex jagħmlu lqugħ ta' diversi affarijiet. Apparti fit-tarzna dan il-materjal kien u għadu jintuza f'setturi oħra fosthom f'*gaskets* ta' vetturi u tankijiet ta' l-ilma.

Ix-xhud qal ukoll li l-akbar periklu tal-asbestos huwa meta dan jigi mtaqqab jew isirlu *grinding* għax l-għabra tiegħu tibda ddur fl-arja u jdum biex jinżel u jdum biex jissetilja malajr. Jekk l-asbestos jixxarrab, l-għabra tinżel malajr. Minn naħa l-oħra il-*high dense material* ma jagħmilx ħsara għax ma jkunx qed jaqa' asbestos minnu.

b. Xhieda ta' **Dr George Peplow**[9], gradwat fil-Kimika, li sa qabel ma rtira kien ukoll Lecturer l-Universita'. Illum il-ġurnata għadu jipprovdi konsulenza fejn

---

[9] Fol 436 et seq

tidħol il-kwalita ta' l-arja u fuq *sampling evaluation ta' l-asbestos*. Huwa xehed hekk:

"....across the board kwalunkwe tip ta' asbestos dak li jissejjaħ blue, dak li jissejjaħ brown u white huwa perikoluż għas-saħħa, wieħed inqas mill-ieħor pero' huwa perikoluż[10]*."*

Huwa ta ħarsa ġenerali lejn il-parametri stabbiliti mil-liġi llum fejn jidħol immaniġjar, qlugħ eċċ ta' materjal tal-asbestos, liema parametri jesiġu li l-livell ta' *fibres* tal-asbestos fl-arja biex il-post jiġi meqjus sikur għan-nies huwa baxx ħafna. Ix-xhud spjega wkoll li l-limitu għall-espożizzjoni ta' livelli tal-asbestos huwa baxx ħafna wkoll fejn jidħol xogħol fuq il-vapuri.

Il-proċeduri sabiex issir ħidma f'ambjent fejn ikun hemm espożizzjoni għall-asbestos huma llum rigorużi. Il-livelli ta' asbestos fl-arja jkunu qegħdin jiġu mmonitorjati il-ħin kollu u kif jinqabżu l-livelli, l-ħaddiema jridu joħorġu minn hemm u jsir miljorament fil-kondizzjonijiet ta' l-arja. Dan billi tiġi estratta l-arja, tiġi sostitwita b'arja ġdida pero' dik l-arja li tkun hemm fil-post tiġi ffiltrata biex tneħħi l-fibri tal-asbestos mill-arja. U qabel ma jerġa' jinżel il-livell tal-asbestos fl-arja, il-ħaddiema ma jitħallewx jerġgħu jidħlu jaħdmu hemm ġew.

Dwar l-għarfien tal-effetti noċivi li l-espożizzjoni għall-asbestos għandha fuq is-saħħa tal-bniedem, Dr Peplow xehed hekk:

"...mill-esperjenza tiegħi jiena l-Universita dħalt late '60s u diġa' kien hemm awarness, għax aħna konna nużaw fejn nagħmlu l-burners kienu ta' l-asbestos, kellu ovens ukoll li kienu insulated bl-asbestos u diġa' kienu qalulna isma

[10] Fol 452

għoqodu attenti mill-asbestos għax huwa perikoluz, pero' ma kienx hemm dik l-informazzjoni li tgħidilna isma użaw hekk, araw li l-limits ikunu daqshekk. Pero' l-awareness nemmen jiena li bdew deħlin late '60s early '70s bħala awareness, bħala liġijiet u anke fl-Ingliterra u anke fl-Ewropa u f'Malta wkoll, ġew ħafna iktar tard bħala liġijiet, pero' l-awareness kien hemm, kien jeżisti dejjem.

Dr. J. Sultana: Pero' rigward Malta taf meta bdew jittieħdu xi miżuri, bdew isiru riċerki fuq dan l-asbestos?

Xhud: Li naf jiena ifhem kif qed ngħidlek, awareness kien hawn, early '70s kien hawn, pero' dak iż-żmien li konna aware li isma jekk tuża l- asbestos aħsel idejk, ara li ma jiġix fuq il-ħwejjeġ tiegħek, ma kienx hemm l-ebda sens ta' limits of risks, method of testing, dawn ġew kollha late '90s, early 2000."

Ix-xhud indika li l-*asbestos* bħala prodott huwa użat speċjalment fuq il-vapuri u kien jintuża ħafna bħala insulazzjoni għal pajpijiet tal-ilma jaħraq, bħala diviżorji bejn parti u oħra tal-vapur. L-asbestos kien ukoll jintuża fil-bibien tal-vapuri peress li huwa *fire retardant*. Barra fuq il-vapuri kien u ġieli għadu jintuża bħala *corrugated panel* fuq ċerti soqfa.

Safejn jiftakar ix-xhud huwa qal li kien l-2003 meta ħarget l-ewwel liġi biex timmitiga kontra l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-asbestos. Pero' l-projbizzjoni fl-Ewropa biex ma jiġix importat l-*asbestos* u ma jiġix manufatturat kien fil-bidu tas-snin tmenin. Minn dak l-istess perjodu f'Malta wkoll ma setax aktar jiġi mportat u manufatturat l-*asbestos*. L-ewwel *standard test* li sar biex jiġi stabbilit il-livell ta' perikolu tal-*asbestos* aktarx kien tal-Agenzija Amerikana għall-protezzjoni tal-Ambjent fil-bidu tas-snin 90. Circa mill-2006

'l hawn il-metodu wżat huwa tal-World Health Organisation u stabilixxa limiti ġodda u aktar baxxi.

Ix-xhud elabora li dment li l-*asbestos* huwa nstallat f'post, ma jintmissx, ma jiġix disturbat ftit li xejn jimmanifesta perikolu għas-saħħa. Iżda mill-mument li dan il-materjal jiġi rimoss, maqlugħ jew maħdum, il-fibri tiegħu jibdew jikkontaminaw l-arja u r-riskju għas-saħħa jikber sew.

3.Din ix-xhieda li kienu taw Joseph Saliba u Dr George Peplow fil-Qorti reġgħet ġiet sostanzjalment riprodotta f'żewġ affidavits. **Joseph Saliba**[11] enfasizza li l-materjal tal-*asbestos* ikun perikoluż meta l-fibri ta' dan il-materjal ikunu sospiżi fl-arja. Qal li dawn il-fibri jdumu ma jinżlu u jissetiljaw. Jekk isir xi xogħol bħal tqattiegħ jew grinding ser ikun hemm *asbestos* fibres fl-arja u allura jkun hemm periklu għas-saħħa. Minn naħa tiegħu **Dr George Peplow**[12] kompla jispeċifika li l-liġi tiddistingwi bejn *asbestos* perikolużi u dawk li mhumhiex. Huwa qal li dment li fl-arja ma jkunx hemm livelli għoljin, fejn wieħed la jmiss u lanqas jaqla' l-asbestos, dan ma jkun ta' ebda perikolu. Bħala linja ta' gwida huwa semma li 1 fiber per millimetre jew 100 fibers per litre huwa tajjeb sabiex jidħlu n-nies wara li jinqala l-fibre. Iżda fl-ambjent il-WHO tirrakkomanda li ma jkunx aktar minn 0.01 fibres pero' l-liġi ta' Malta tirreferi biss għal qlugħ tal-asbestos. Huwa qal li l-liġi lokali hija bażata fuq id-direttiva tal-Unjoni Ewropea li tgħid li ma jistax ikun 0.1 fibers per millilitre. Jekk jinqabeż dak il-limitu l-ħaddiema joħorġu sakemm ikun miljorament fil-kundizzjoni tal-arja. Huwa tenna wkoll li l-asbestos jintuża f'ħafna affarijiet bħala nsulazzjoni għall-*hot water pipes* u postijiet aċċessibbli għall-pubbliku. Żied jgħid li hekk kif Malta kellha għarfien dwar il-perikolu assoċjat mal-*asbestos* bdiet tirregola ruħha tant li nħolqot awtorita' apposta: l-OHSA u fl-

[11] Affidavit a fol 445 Dok CS02 et seq
[12] Affidavit a fol 447 et seq. Dok GP02

2003 ħarġet l-ewwel liġi. L-għan ta' dawn il-liġijiet huwa li jisslavagwardjaw lill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Il-projbizzjoni f'Malta u fl-Ewropa biex ma jiġux manifatturati prodotti mill-*asbestos* seħħ fil-bidu tal-1980 għalkemm għad hawn jiċċirkolaw xi oġġetti magħmula mill-*asbestos*.

3. In viva voce xehdet ukoll **Gertrude Scerri**[13] li xehdet il-*file* mediku kollu tal-mejjet Charles Carmelo Bugeja.[14]

4.Xehed **Jesmond Marshall, segretarju tat-Taqsima Metall u Kostruzzjoni General Workers Union.**[15] Dana kkonferma li Charles Bugeja kien ex]addiem tat-tarzna ukoll li kien marad kagun ta' l-asbestos dana konsegwenza tax-xogħol tiegħu u kkonferma dan minħabba l-fatt li kien ngħata kumpens mill-Amerika. Żid li dan il-kumpens jingħata biss minħabba mard terminali kawzat mill-asbestos. Qal li bħala kumpens ingħata s-somma ta' 8,068.34 dollari amerikani. Dana fl-20 ta' Diċembru, 2016. Xehed li rċevew ukoll in linea ta' kumpens is-somma ta' 63,166.67 ukoll dollari amerikani mingħand l-Eagle Pitcher Trust Payment. Skontu, għalkemm ma kienx ċert, dawn is-sommom kienu ngħataw *in full and final setttlement* għaliex il-marid kien ħadem fuq vapur Amerikani.

Aktar tard b'nota[16] l-intimati esebew id-dokumenti li fuqhom straħet ix-xhieda ta' Jesmond Marshall: Dok JS1[17] U Dok JS2.[18]

Tikkonsidra:

---

[13] Fol 37
[14] Dok.GS 39-425
[15] Fol 490 et seq
[16] Fol 537 et seq
[17] FOL 538
[18] FOL 539

Qabel ma l-Qorti tagħaddi biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet u d-difiza mressqa fil-konfront tagħhom, tħoss li jlun opportun li ssir din il-premessa pre-preliminari. Nonostante dak li jista jkun hemm imnizzel fin-noti ta' sottomissjonijiet, hija mhux se tindaga fuq talbiet li mhux inkorporati fir-rikors promutur u daqstant ieħor linji difenzzjonali li ma tressqux *per linea di difise* fir-riposta ta' l-intimati. Ebda talba jew eċċezzjoni għalija ma tista qatt titqajjem f'nota ta' sottomissjonijiet għar-ragunijiet tant ovvji li din l-Qorti tispera li m'hemmx bzonn jiġu ripettuti.

Eċċezzjonijiet Preliminari

L-intimati ressqu l-eċċezzjoni li t-talbiet ma jistghux jiġu milqugħa għax milquta biż-zmien stipulat fl-artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, allura l-eċċezzjoni *ratione temporis.*

"Illi in linea preliminari, l-esponenti jirrilevaw li l-lanjanza tar-rikorrenti li jirreferu għall-perjodu ta' qabel it-30 ta' April 1987 mqa jistgħux jiġu mistħarga minn din l-Onorabbli Qorti ai terminu ta' L-Artikolu 7 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta."

L-artikolu 7 jgħid:-

"Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inkluzi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 t'April, 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inkluzi) tar-Rabà Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew artikoli 1 sa 5 (inkluzi) tas-Sebà Protokoll li jsir qabel l-1 t'April, 2002, ma għandu lok ghal xi azzjoni taht l-Artiklu 4";

F'dan ir-rigward fil-verbal tas-seduta tat-12 ta' Gunju, 2017 l-avukat difensur tar-rikorrenti ivverbalizzat fir-rigward illi:-

" Dr. Galea tirrileva illi fir-rigward ta' l-ewwel eċċezzjoni ssostni illi peress li l-mejjet Charles Bugeja irtira mit-Tarzna fis-snin '90, xorta kien hemm perjodu kopert mill-konvenzjoni u li allura jimmerita protezzjoni f'dan is-sens. Apparti minn hekk, hemm invokati l-Artikoli analogi tal-Kostituzzjoni li japplikaw mis-snin '60 u fit-tielet lok hemm l-argument tal-continoius offence li l-lanjanzi ta' dan it-tip għandhom jinkwadraw taħtha."

Fil-ġurisprudenza nostrana naraw lil Qrati qalu dan dwar eċċezzjonijiet simili

"Eccezzjoni li l-lanjanzi li jirreferu għal perjodu ta' qabel it-30 ta' April 1987 ma jistghux jigu mistharrga mill-Qorti ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap. 319

"Din l-eccezzjoni ma ghandhiex mis-sewwa billi l-lanjanza tar-rikorrenti qed tirreferi ghal episodji li veru sabu l-origini taghhom qabel l-1987 pero l-effetti taghhom baqghu oltre l-1987 sakemm missier ir-rikorrenti miet fl-2006 allegatament kawza tal-asbestos li kien espost ghalih fil-perjodu li kien jahdem mad-Drydocks mill-1959-1982. (Ara ***Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat General et****, Kost 29/04/2016).*[19] "

F'sentenza oħra riċenti fl-ismijiet **Spiru Ellul et. vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et. (Direttur Ġenerali Relazzjoni Dwar is-Saħħa Pubblika).** [20] ingħad dan:-

---

[19] **Anthony Farrugia et. Tabib Prinċipali tal-Gvern** deċiża 5.10.2018 Rikors MCH91/15
[20] Deċiża 28/4/2016 P.A. Kost 28/2015

"Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza li tat fit-30 ta' Ottubru 2015 fil-kawża fl-ismijiet **John Formosa et vs Tabib Principali tal-Gvern** *et. (li diġa saret riferenza għaliha supra) ikkunsidrat fid-dettall dan il-punt u għalhekk din il-qorti sejra tiċċita minnha peress li anke l-argumenti li għamlu r-rikorrenti fiha huma prattikament identiċi għal dawk li jagħmlu r-rikorrenti odjerni. Jiġi ċċarat li b'differenza mill-każ odjern, f'tali kawża l-ilment kien jikkonċerna l-espożizzjoni għall-asbestos ta' Salvatore Formosa li kien miet b'kanċer malinju fl-1978 u cioè qabel it-30 ta' April 1987, u wkoll r-rikorrenti kienu wkoll qed isostnu li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali in kwantu kien hemm hemm trattament inuman jew degradanti.*

"32. Il-Qorti tibda' billi tagħmilha ċara mill-bidunett li l-fatt li l-appellanti ma jirrikonoxxux il-validità legali tal-Artikolu 7 tal-Kap. 319 ma jnaqqas xejn mill-validità legali tiegħu darba li l-appellanti ma għamlu ebda talba fir-rikors promotorju sabiex jimpunjaw il-validità tal-istess artikolu, ma għamlu l-ebda sottomissjoni fir-rigward, la bil-miktub u anqas jirriżulta li għamlu hekk oralment u anqa ittentaw xi azzjoni separata sabiex jimpunjaw l-istess artikolu tal-liġi fuq xi motiv ieħor apparti ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Din il-Qorti, għalhekk, ma tistax ħlief tqis l-artikolu msemmi pjenament validu legalment, hi x' inhi l-fehma tal-appellanti dwaru f' dan l-istadju tal-proċeduri.

33. Il-Qorti ma tarax kif, jekk ikun il-każ, il-konklużjoni li li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza dwar l-ilmenti taħt il-Konvenzjoni li jirrigwardaw fatti li ġraw qabel l-1987 tkun tfisser li d-drittijiet fundamentali fil-Kostituzzjoni ma jkollhom ebda sfond interpretativ mingħajr riferenza għall-Konvenzjoni. Dan ma hu minnu xejn. Anqas l-istess konklużjoni ma tkun tfisser li qegħda tiġi proposta "segregazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-Kostituzzjoni minn ma' dawk tal-Konvenzjoni" jew li jkun qiegħed jiġi propost "żewġ interpretazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ klassijiet ta' drittijiet fundamentali".

Dawn ma huma xejn ħlief sensiela ta' non sequitur. L-"isfond interpretattiv" li jista' għandha l-Kostituzzjoni konsistenti fil-Konvenzjoni ma jiġix nieqes u anqas isseħħ xi "segregazzjoni" li ma kinitx ġia teżisti qabel, bħal ma anqas ikun qiegħed jiġi propost xi "żewġ interpretazzjonijiet" li ma kinux ġie qabel dettati mill-formulazzoni diversa tad-drittijiet imsemmija fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni.

34. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-fatti ta' dan il-każ jamontaw għal vjolazzjoni kontinwa (continuous violation) għaliex għadhom sa llum mingħajr rimedju għal-lanjanzi tagħhom minkejja li l-espożizzjoni għall-asbestos seħħet qabel it-23 ta' Jannar 1967 u kompliet sa ftit qabel l-1978 meta miet Salvatore Formosa, kif kien ukoll il-każ, skont l-appellanti, fil-każijiet tal-asbestos deċiżi mill-Qorti ta' Strasburgu f'Lulju 2014.

*35. Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni jekk din il-qorti għandhiex kompetenza li tieħu konjizzjoni tal-azzjoni ta' llum ratione temporis safejn qegħda ssir taħt l-Att XIV dwar il-Konvenzjoni Ewropea tistrieħ fuq dak espliċitament provdut fl-*Artikolu 7 tal-Att imsemmi. Dan l-artikolu jipprovdi inter alia li ebda ksur tal-*Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-*Konvenzjoni jew tal-*Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-*Ewwel Protokoll li jsir qabel it-*30 ta' April 1987 ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-Artikolu 4, u cioè għal azzjoni li biha ssir talba lill-*Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju. *Dan l-artikolu ma jirrispekkja ebda dispożizzjoni tal-Konvenzjoni u għalhekk il-każistika tal-organi fi Strasburgu rigward dispożizzjonijiet li ma jikkorrispondux mal-Artikolu 7 imsemmi, għalkemm tista' tkun dejjem fonti ta' ispirazzjoni, ma tistax tkun ta' wisq għajnuna u ċertament ma tistax tkun determinanti fl-interpretazzjoni u appikazzjoni tal-Artikolu.*

36. Kif ġia ingħad, din il-Qorti ma tistax, kif donnu qegħdin jippretendu r-rikorrenti, tinjora dak li jipprovi l-Artikolu 7 imsemmi u anzi, l-istess artikolu jarġina l-kompetenza ta' din il-Qorti in kwantu għal azzjonjiet taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. L-istess artikolu jipprovdi li ebda ksur tad-dispożizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni jew tal-Protokoll relevanti li jsir qabel it-30 ta' April 1987 ma jagħti dritt ta' azzjoni taħt l-istess Att. Tali ksur, iżda, jista' jsir u jiġi kkunsmat instantanjament, iżda jista' jkun il-każ ukoll li għalkemm il-ksur jibda' jseħħ f' data partikolari l-istess ksur jista' jipperdura 'l hinn mill-mument inizjali tiegħu b'mod li jekk għalkemm il-ksur inizjali jsir qabel it-30 ta' April 1987 iżda jipperdura wara l-istess data din il-Qorti jkollha l-kompetenza neċessarja tieħu konjizzjoni ta' azzjoni in kwantu din tilmenta mill-ksur li kompla jsir wara d-data imsemmija. Din ma hix pożizzjoni ġdida ta' din il- Qorti.

37. B'danakollu iżda, wieħed irid jiddistingwi l-kontinwazzjoni tal-vjolazzjoni mill-kontinwazzjoni tal-effetti tal-vjolazzjoni. Sabiex din il-Qorti jkollha l-kompetenza neċessarja f' azzjoni taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija l-vjolazzjoni li trid tkun waħda kontinwa, u li għalhekk tipperdura wara t-30 ta' April 1987, u ma hux biżżejjed li jkunu l-effetti tal-vjolazzjoni li hekk jipperduraw mentri l-vjolazzjoni tkun waħda instantanja, jew kif iddiskrivietha l-Kummissjoni taħt il-Konvenzjoni "the enduring effects of an act occurring at a given point in time."

38. Dan jikkonverġi wkoll mal-ħsieb tal-organi taħt il-Konvenzjoni dwar il-kunċett ta' "continuing situation" li dwaru l-Kummissjoni spjegat:
"...the concept of "continuing situation" refers to a state of affairs which operates by continuous activities by or on the part of the State to render the applicants victims....Since the applicants' complaints have as their source specific events which occurred on identifiable dates, they cannot be construed

as a "continuing situation" for the purposes of the six month rule. While the Commission does not doubt that the events of "Bloody Sunday" continue to have serious repercussions on the applicants' lives, this however can be said of any individual who has undergone a traumatic incident in the past. The fact that an event has significant consequences over time does not itself constitute a "continuing situation"... Sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk il-vjolazzjoni tkunx waħda li hi kontinwa u li għalhekk ipperdurat u pprolungat ruħha wara l-mument inizjali li fiha ġie kommessa irid jittieħed qis tan-natura tal-vjolazzjoni li dwarha jsir l-ilment u tal-fatti partikolari li jagħtu lok għall-ilment.

40. Fil-każ ta' llum ir-rikorrenti jilmentaw minn ksur tad-dritt għall-ħajja, minn ksur għal trattament inuman u degradanti, minn ksur tad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalita` tal-ħajja tar-rikorrenti, u ksur tad-dritt għall-ħajja privata f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti jkunu infurmati dwar perikli marbutin mal-asbestos.

41. In kwantu għall-allegata vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja mħares bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, din ma tistax tkun ħlief waħda instantanja fejn tkun avverat ruħha l-mewt. Dan għaliex fil-mument li tiġi estinta l-ħajja ta' persuna il-vjolazzjoni mhux biss tiġi kommessa iżda tiġi wkoll konsumata tant li dik l-estinzjoni tal-ħajja tkun dejjem u eskussivament konsegwenza tal-għemil li ppreċediha u ebda għemil sussegwenti ma jista' jikkontribwixxi għall-kontinwazzjoni ta' dik l-estinzjoni tal-ħajja. Naturalment il-konsegwenzi jew l-effetti ta' dik il-ħajja estinta jipperduraw fiż-żmien anke wara l-mument tal-estinzjoni ta' dik il-ħajja, għaliex min imut jibqa' mejjet, iżda d-dritt għall-ħajja jiġi instantajament, definittivament u irrevokabilment vjolat fil-mument li l-ħajja tiġi estinta u f'dak il-mument il-vjolazzjoni tiġi wkoll kunsmata. Għalhekk il-vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja hija vjolazzjoni instantanja li ma tista' qatt tagħti lok għall-kontinwità. Jirriżulta li Salvatore Formosa miet fit-23 ta'

Ottubru 1978 u l-għemil li jilmentaw minnu r-rikorrenti kollu avvera ruħu qabel dik id-data u għalhekk il-vjolazzjoni li minnhom jilmentaw ġrat interament qabel it-30 ta' April 1987 u għalhekk l-ewwel Qorti kellha raġun meta rriteniet li a tenur tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea Kap 319, ma setgħetx tieħu konjizzjoni tal-azzjoni intentata mir-rikorrenti sa fejn l-istess azzjoni qed issir taħt dak l- Att.

43. Tista' potenzjalment tikkonfigura vjolazzjoni ta' natura kontinwa tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni fejn waqt li l-individwu jkun għadu ħaj l-Istat jonqos milli jħares lil dak l-individwu minn riskji serji għal ħajtu. Tali vjolazzjoni setgħet potenzjalment tiffigura fil-fattispeċi allegati mir-rikorrenti f' dan il-każ iżda peress li l-fatti kollha li setgħu kienu rilevanti f' dan il-każ ġraw qabel id-data tat-30 ta' April 1987 u Salvatore Formosa miet qabel dik id-data l-konklużjoni f' dan il-każ tibqa' kif ingħad fuq.

44. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll minn ksur tad-dritt għal ħarsien minn tortura u minn trattament jew piena inumana jew degradanti taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. L-għemil hawn projbit huwa għemil li jista' jipperdura għal perjodu ta' żmien, u għalhekk ugwalment il-vjolazzjoni proskritta tista' wkoll tkun konkorrentement kontinwa u tipperdura għall-istess perjodu. Konsegwentement jekk l-għemil li dwaru jilmentaw ir-rikorrenti, għalkemm seta' kellu l-bidu tiegħu qabel it-30 ta' April 1987, ippersista u kompla wara l-istess data, din il-Qorti jkollha l-kompetenza neċessarja tieħu konjizzjoni tal-azzjoni għar-rigward dan l-ilment sa fejn l-istess azzjoni qegħda ssir taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

46. Jibqa' l-ilment ta' vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja li fir-rikors promotorju taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni li qiegħed jiġi allegat taħt żewġ aspetti: (a) f' dak li għandu x' jaqsam mal-kwalita` tal-ħajja tar-

rikorrenti u (b) f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti jkunu infurmati dwar perikli marbutin mal-asbestos.

47. Għar-rigward ta' dan l-ilment tar-rikorrenti, l-għemil li allegatament wassal għall-vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kien jikkonsisti fi "l-espożizzjoni għall-asbestos ta' Salvatore Formosa fuq il-post tax-xogħol (li) affettwat b'mod negattiv ferm il-kwalità tal-ħajja tal-istess rikorrenti. Dan l-għemil seta' ipperdura għal xi żmien qabel il-mewt ta' Salvatore Formosa iżda ma kompliex, u ma setax ikompli wara l-mewt tiegħu. Il-fatt li r-rikorrenti setgħu ġew imċaħħda prematurament mill-preżenza tal-istess Salvatore Formosa seta' kien stat ta' fatt iġġenerat bħala konsegwenza u effett tal-vjolazzjoni li kienet ġia kunsmata, iżda ma kienx, u ma setax ikun, il-kontinwazzjoni tal-istess vjolazzjoni għaliex ma kienx ikkawżat minn xi għemili tal-Istat wara d-data li miet l-imsemmi Salvatore Formosa. Għalhekk anke rigward dawn l-ilmenti kienet korretta l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li ma setgħetx tieħu konjizzjoni tal-azzjoni minħabba li l-fatti in kwistjoni ġraw kollha qabel it-30 ta' April 1987 u għalhekk josta għall-azzjoni l-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea sa fejn l-azzjoni qegħda ssir taħt dak l-Att."

Applikati dawn il-prinċipji għal kaz in dezamina għandu jingħad:-

- Illi Charles Carmelo Bugeja bla dubbju miet kagun tal-marda *malignant mesothelioma* dan effett tal-esposizzjoni tiegħu għal materjal *asbestos*.
- Illi fil-ħajja lavorattiva tiegħu kien dejjem impjegat mall-Malta Drydocks, fil-bidu ta' tali impieg huwa kien hemm jaħdem bħala *shipwight*, aktar tard spiċċa jaħdem fl-accounts ma l-istess entita'.
- Illi huwa spiċċa milli impieġ mat-tarżna **fis-sena 1992**.
- Illi sakemm marad bil-kanċer il-mejjet kien bniedem attiv, jimxi fit-tul, jieħu ħsieb ġnien imdaqqas tiegħu, ukoll il-maintenance ta' daru. Kien bniedem li ukoll iseġwi l-ġrajjiet kurrenti.

- Dana kollu spiċċa kif ġie afflit bil-marda tal-kanċer lejn April 2014.
- Hawn għalhekk spiċċa immur Boffa akkumpanjat mill-attriċi bintu biex jieħu l-kura apposiat, ukoll spiċċa dipendenti fuq l-istess bintu għal qadi.
- Kien ikun mugugh ħafna f'daru. Ibghati biex jieħu n-nifs.
- L-aħħħar ħmistax il-gurnata ta' ħajtu ma kiel. Kien fuq l-ossigenu u l-morfina u jisgħol b'mod persistenti.
- Miet fl-1 ta' Diċembru, 2014.

Stabbiliti dawn il-punti l-Qorti tara lil mejjet dam jaħdem ġewwa t-tarzna għal żmien sew wara s-sena 1987. Tant li hu spiċċa minn dan l-impieg fis-sena 1992. Nonostante lil Qorti ma tistax tiddettermina kemm bħala *shipwrigh*t dam espost għal *asbestos*, pero l-esposizzjoni tal-mejjet għal asbestos ċertament kellha effett li pperdurat oltre is-sena 1987.

Konsegwentement l-eċċezzjoni ratione temporis in eżami ma tistax treġġi u qegħda tiġi miċħuda.

Mertu.

A. L-ewwel talba attriċi hija fis-sens li din il-Qorti tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrenti ġie vjolat-

"Id-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja, u li l-hajja ta' l-individwu ma titqieghedx f' periklu bla bzonn, ai termini tal-Artiklu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ta' l-artiklu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem, applikabbli fil-ukoll lokalment via l-Kap 319.

Minn naħa l-oħra l-intimati laqgħu għat-talbiet mressqa billi eċċepew illi:-

*"(II) Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-*suespost*, l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala insostenibbli stante li fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għas-*segwenti *raġunijiet li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

*(i) Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti għandhom iġibu prova li Charles Bugeja kien fil-fatt espost għall-asbestos waqt li kien jaħdem mal-*Malta Drydocks Corporation *u li l-marda li kellu kienet allegatament il-konsegwenza u l-kawża unika tal-fatt li hu kien hekk espost;"*

Tibda l-Qorti biex ġia a priori ttajjar l-ewwel eċċezzjoni mressqa fil-mertu li ma kienx hemm ness bejn ix-xogħol tal-mejjet u l-marda li kienet kagun ta' mewtu. Irrizulta li l-ħidma ġewwa t-tarzna kienet l-unika xoghol tal-mejjet Bugeja. Daqstant ieħor ħareg ċar mix-xhieda tal-Professur Caacciattolo illi hemm ness xjentifikament konsolidat bejn l-e*xposure* għal għabra ta' l-*asbesto*s mall-marda li kienet il-kagun tal-mewt ta' missier l-atturi. Dan jista ukoll faċilment jiġi kkonstatat mir-riċerki misjuba fuq siti appositi tramite l-internet. Fil-fatt mir-riċerka, ġia waħda sempliċi, li din il-Qorti *sua sponte* kienet għamlet, ingħad dan fil-kawza fl-ismijiet **George Spiteri vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et.** ġia suriferita-:

"Dwar dan in-ness din il-Qorti sua sponte marret ftit oltre minn dak mitqal mill-Profs Cacciattolo, gia fih innifsu hu awtorita' in materja, jirrizultalha mir-riċerki tagħha dwar dan it-tip ta' kanċer li; "Malignancies involving mesothelial cells that normaly line the body cavities, including the pleura, peritoneum, pericardium, and testis, are known as malignant mesothelioma. Asbtos, particularly the types of amphibole asbestos known as crocidolite and amosite asbestos, is the principal carcinogen implicated in the pathogenesis of

malignant pleural mesothelioma."[21] *Ukoll "Contact with asbestos is the leading cause of mesothelioma cancer, as nearly every patient diagnosed with this aggressive cancer came in contact with it at some point in time. Mesothelioma caused by asbestos exposure commonly occurs occupationally, environmentally or as a result of secondhand exposure."*[22]

Konsegwentement din il-Qorti tqies din l-eċċezzjoni bħala skorretta u qegħda tiċħadha.

L-eċċezzjonijiet (II)(ii) u (iv).

Il-Qorti se tittratta dawn iż-żewġ eċezzjonijiet flimkien minħabba dak li se jingħad aktar tard fir-rigward tal-vjolazzjoni allegata taħt l-artikolu 8 tal-konvenzjoni.

Dawn jaqraw rispettivament li:-

(ii) Illi fit-tieni lok, l-esponenti jirribattu li ħadd mill-intimati odjerni ma qiegħed il-ħajja tar-rikorrenti fil-perikolu jew b'xi mod ċaħħadhom mid-dritt għal ħajjithom u ghalhekk ic-cirkostanzi odjerni ma jirraprezentaw l-ebda ksur tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea;

...

(iv) Illi fir-raba lok u mingħajr pregudizzju, l-esponenti jirrilevaw ukoll li kif saru maghrufa fuq livell internazzjonali r-riskji ta' dan il-materjal, il-legislatur għadda liġijiet biex iwaqqaf l-importazzjoni ta' dan il-materjal, filwaqt li l-amministrazzjoni tat-Tarzna provdiet maskri u tagħmir protettiv lill-ħaddiema u

[21] Medscape 23/04/2014 Winston W.Tan, MD, FACP

[22] Mesothelioma Causes and Risks Factors: Asbestos Exposure https://www.asbestos.com /mesothelioma/causes.php

ġie żgurat li jkun hemm ventilazzjoni adegwata għaddejja fuq il-post tax-xoghol;

L-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:

"(1) Ħadd ma jista' jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skont il-liġi ta' Malta li tiegħu jkun ġie misjub ħati.

(2) Mingħajr ħsara għal xi responsabbiltà għal ksur ta' xi liġi oħra dwar l-użu ta' forza f'dawk il-każijiet li huma hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmija, persuna ma għandhiex titqies li tkun ġiet ipprivata mill-ħajja tagħha bi ksur ta' dan l-artikolu jekk tmut b'riżultat tal-użu ta' forza daqs kemm tkun raġonevolment ġustifikabbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ -
(a) fid-difiża ta' xi persuna minn vjolenza jew fid-difiża ta' proprjetà;
(b) sabiex jiġi effetwat arrest skont il-liġi jew tiġi evitata l-ħarba ta' persuna detenuta skont il-liġi;
(ċ) sabiex tiġi megħluba rewwixta, insurrezzjoni jew ammutinament; jew
(d) sabiex jiġi evitat l-egħmil minn dik il-persuna ta' reat kriminali, jew jekk tmut minħabba att leġittimu ta' gwerra."

L-artikolu 2 tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:

"(1) Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-

sentenza ta' qorti wara li jiġi misjub ħati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena.

(2) Il-privazzjoni tal-ħajja ma għandhiex titqies bħala magħmula bi ksur ta' dan l-Artikolu meta jirriżulta mill-użu ta' forza li ma jkunx aktar minn dak li jkun assolutament meħtieġ:

(a) fid-difiża ta' xi persuna minn vjolenza illegali;

(b) sabiex jiġi effettwat arrest skont il-liġi jew tiġi evitata l-ħarba ta' xi persuna detenuta skont il-liġi;

(ċ) f'azzjoni meħuda skont il-liġi sabiex tiġi megħluba rewwixta jew insurrezzjoni."

Fil-każ **Jane Agius vs Avukat Ġenerali et deċiż fil-15 ta' Jannar 2015**[23], din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk dwar il-prinċipji naxxenti minn dawn l-artikoli:

"Riferibbilment għall-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, hu paċifiku li dan l-artikolu jħaddan aspetti kemm sostantivi kif ukoll proċedurali. Minbarra dan, il-Qorti Ewropea rrikonoxxiet li dan l-artikolu jimponi mhux biss obbligu li l-Istat ma jipprivax persuna arbitrarjament mill-ħajja iżda li l-Istat għandu jieħu dawk l-azzjonijiet jew miżuri pożittivi raġjonevolment mitluba biex tiġi żgurata l-protezzjoni għall-ħajja (positive obligations).

Huma f'dan is-sens il-kliem tal-Qorti Ewropea fil-każ ***Bljakaj and Others v Croatia*** *tat-18 ta' Settembru 2014*[24]*:*

"...Article 2 enshrines one of the basic values of the democratic societies making up the Council of Europe (see ***McCann and Others v. the United Kingdom****, 27*

[23] Rik Nru 33/2014
[24] App.Nru. 74448/12 para 103.

September 1995, § 147, Series A no. 324). The first sentence of Article 2 § 1 enjoins the State not only to refrain from the intentional and unlawful taking of life, but also to take appropriate steps to safeguard the lives of those within its jurisdiction (see ***L.C.B. v. the United Kingdom****, 9 June 1998, § 36, Reports of Judgments and Decisions 1998-III; and* ***Osman v. the United Kingdom****, 28 October 1998, § 115, Reports 1998-VIII)."*

Hekk ukoll fil-każ ***Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania*** *[GC] 11 tas-17 July 2014 il-Qorti Ewropea irriteniet hekk:*

"The positive obligations under Article 2 must be construed as applying in the context of any activity, whether public or not, in which the right to life may be at stake. This is the case, for example, in the health-care sector as regards the acts or omissions of health professionals (see Dodov, cited above, §§ 70, 79-83 and 87, and ***Vo v. France*** *[GC], no. 53924/00, §§ 89-90, ECHR 2004-VIII, with further references), States being required to make regulations compelling hospitals, whether public or private, to adopt appropriate measures for the protection of their patients' lives (see* ***Calvelli and Ciglio v. Italy*** *[GC], no. 32967/96, § 49, ECHR 2002-I). This applies especially where patients' capacity to look after themselves is limited (see Dodov, cited above, § 81)*[25]*. "*

*…….****Tarariyeva v Russia***[26] *deciz fl-14 ta' Dicembru 2006 fejn il-Qorti Ewropea fissret li :*

"1. ***The Court reiterates that the first sentence of Article 2****, which ranks as one of the most fundamental provisions in the Convention and also enshrines one of*

---

[25] Para 130.

[26] App. nru.. 4353/03

the basic values of the democratic societies making up the Council of Europe, ***requires the State not only to refrain from the "intentional" taking of life, but also to take appropriate steps to safeguard the lives of those within its jurisdiction***[27] *(see, for example, Keenan v. the United Kingdom, no. 27229/95, § 89, ECHR 2001-III). "*

...fis-sentenza mogħtija fil-każ ta' ***Gagiu v Rumanija***[28] *tal-24 ta' Frar 2009 fejn ingħad li:*

"2. L'obligation de protéger la vie des personnes détenues implique également de leur dispenser avec diligence les soins médicaux à même de prévenir une issue fatale (Taïs, précité, § 98, et Anguelova c. Bulgarie, no 38361/97, § 130, CEDH 2002-IV). Le manque de soins médicaux appropriés peut constituer ainsi un traitement contraire à la Convention (Huylu, précité, § 58)."

L-intimati jissottomettu li l-artikolu 2 u l-artikolu 33 għandhom jinqraw ad litteram u japplikaw biss għall-privazzjoni intenzjonali tal-ħajja. Jgħidu li għalkemm huwa minnu li l-awtoritajiet tal-ħabs ma vvigilawx uti bonus paterfamilias fuq is-saħħa tal-priġunier Carlos Chetcuti, "pero ma rriżultax li n-nuqqas da parti tal-awtoritajiet kien wieħed intenzjonat" u għalhekk l-Istat m'għandux jitqies li lleda l-jeddijiet sanciti b'dawk l-artikoli.

Il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni li ma ssibx konfort fil-każistika tal-Qorti Ewropea fuq ċitata fejn jinsab ritenut li l-artikolu 2 jimponi obbligazzjoni pożittiva sostantiva u anke proċedurali fuq l-Istat.

---

[27] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[28] App.Nru. 63258/00

F' ***L.C.B. v United Kingdom***[29] *mogħti fid-9 ta' Ġunju, 1988, il-Qorti Ewropea, wara li ċċitat il-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-artikolu 2 qalet hekk:*

"...... It has not been suggested that the respondent State intentionally sought to deprive the applicant of her life. ***The Court's task is, therefore, to determine whether, given the circumstances of the case, the State did all that could have been required of it to prevent the applicant's life from being avoidably put at risk****."*

U fil-każ **Oneryildiz v Turkey** *mogħti fit-30 ta' Novembru 2004*[30] *ġie ribadit li -*

"In this connection, the Court reiterates that Article 2 does not solely concern deaths resulting from the use of force by agents of the State but also, in the first sentence of its first paragraph, lays down a positive obligation on States to take appropriate steps to safeguard the lives of those within their jurisdiction [...] ***The Court considers that this obligation must be construed as applying in the context of any activity, whether public or not, in which the right to life may be at stake, and a fortiori in the case of industrial activities, which by their very nature are dangerous***[31]*, such as the operation of waste-collection sites ("dangerous activities" - for the relevant European standards, see paragraphs 59 and 60 above).* ***Oyal v Turkey*** *(2010)* ***Oyal v Turkey*** *(2010) (Appl. No. 4864/05, 23 March 2010*[32]*"*

L-istess prinċipji japplikaw għall-interpretazzjoni tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk ingħad mill- Qorti Kostituzzjonali riferibbilment għall-

[29] App. Nru. 23413/94
[30] App.Nru. 48939/99
[31] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[32] Para 71.

artikolu 33 tal-Kostituzzjoni fil-kawza **Jane Agius vs Avukat Generali et**, suriferita:-

"L-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni "Ir-rikorrenti qed tallega ksur ta' dan l-artikolu flimkien malartikolu 2 tal-Konvenzjoni. Il-kliem tal-artikolu 33 mhuwiex ezattament l-istess bhat-test tal-artikolu 2. L-artikolu 2 jibda bis-sentenza "Everyone's right to life shall be protected by law". Dan il-prinċipju assolut mhuwiex rispekkjat fl-artikolu 33 li jinkorpora biss it-tieni frazi tal-artikolu 2. Wieħed jista' jirraguna li din il-frazi tħalliet barra appozitament u għalhekk l-artikolu 33 jitkellem biss dwar indħil dirett mill-Istat.

Iżda dan l-artikolu għandu jingħata l-istess applikazzjoni bħall-artikolu 2 tal-Konvenzjoni għal diversi ragunijiet. L-ewwel nett hu paċifiku li rresponsabbilita guridika temani mhux biss fuq att pozittiv u dirett, imma anke minn att ta' omissjoni fejn persuna tonqos milli tagħhmel dak li hu mistenni ragonevolment minnha. Att ta' omissjoni jista' jkun leżiv daqs att ta' kommissjoni. "Inoltre, l-obbligazzjoni sanċita bl-artikolu 33 hija waħda essenzjalment tal-protezzjoni tal-ħajja minn azzjonijiet illegali u arbitrarji tal-Istat. Dan jirrikjedi li l-Istat għandu jkun marbut mhux biss milli jindaħal fit-tgawdija ta' tali dritt imma anke li jieħu mizuri pozittivi biex jassigura t-tħaris tad-dritt; altrimenti dan l-artikolu ikun wiehed dgħajjef u ineffettiv."

Kif diġa ġie aċċennat fis-suespost, il-prinċipji appena ċitati jissottolinejaw l-obbligu tal-Istat li mhux biss ma jċaħħadx mid-dritt tal-ħajja lil xi persuna b'mod arbitrarju, izda wkoll li jieħu dawk l-azzjonijiet jew miżuri pożittivi u preventivi raġjonevolment meħtieġa sabiex il-ħajja tal-persuni f'dak l-Istat tiġi protetta. Dan ixxejjen awtomatikament id-difiża tal-intimati fl-eċċezzjonijiet

tagħhom li ksur tad-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni iseħħ biss meta tali privazzjoni tkun waħda "ntenzjonata."

Dan l-obbligu fuq l-Istat li jieħu miżuri protettivi għall-ħarsien tal-ħajja jamplifika ruħu partikolarment f'ċirkustanzi ta' attivitajiet li minn natura tagħhom jimmanifestaw riskju u periklu akbar għall-ħajja tal-bniedem. Dwar dan il-punt il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ('QEDB') qalet hekk fil-każ **Prilutskiy vs Ukraine deċiż fis-26 ta' Frar 2015**[33]**-**

"It entails above all a primary duty on the State to put in place a legislative and administrative framework designed to provide effective deterrence against threats to the right to life. This obligation indisputably applies in the particular context of dangerous activities, where, in addition, special emphasis must be placed on regulations geared to the special features of the activity in question, particularly with regard to the level of the potential risk to human lives. Those regulations must govern the licensing, setting up, operation, security and supervision of the activity and must make it compulsory for all those concerned to take practical measures to ensure the effective protection of citizens whose lives might be endangered by the inherent risks.

[.....]

The scope of the positive obligation must be interpreted in a way that does not impose an unrealistic or disproportionate burden on the authorities, bearing in mind the difficulties in policing modern societies, the unpredictability of human conduct and the operational choices which must be made in terms of priorities and resources. Accordingly, not every claimed risk to life can entail for the authorities a Convention requirement to take operational measures to prevent

[33] App no. 40429/08

that risk from materialising. For the Court, and having regard to the nature of the right protected by Article 2, a right fundamental in the scheme of the Convention, it is sufficient for an applicant to show that the authorities did not do all that could be reasonably expected of them to avoid a real and immediate risk to life of which they have or ought to have knowledge. This is a question which can only be answered in the light of all the circumstances of any particular case (see ***Osman v. the United Kingdom****, 28 October 1998, § 116, Reports of Judgments and Decisions 1998 VIII).”*

Speċifikatament b'referenza għall-mertu tal-każ odjern, il-QEDB qalet hekk dwar l-espożizzjoni ta' persuna għall- *asbestos* fil-każ **Brincat and others v Malta** -

“81. The Court considers that the same obligations may apply in cases, such as the present one, dealing with exposure to asbestos at a workplace which was run by a public corporation owned and controlled by the Government.

82. The Court reiterates that it has applied Article 2 both where an individual has died (see, for example, Öneryıldız, cited above) and where there was a serious risk of an ensuing death, even if the applicant was alive at the time of the application.”

Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-prinċipji suesposti, l-Qorti tagħmel dawn l-osservazzjonijiet li jgħoddu għall-każ tal-lum -

1. Kif irriżulta mill-provi mressqa fil-każ odjern Charles Carmelo Bugeja bħala ħaddiem tat-tarzna senjatament bħala *shipwright,* pero mhux eskluss f'xogħol iehor fi ħdan l-istess *shipyard*, kien jaħdem f'ambjent ta' xogħol li esponih għal żmien twil għall-materjal noċiv tal-*asbestos.* Kif ben huwa

risapput dan il-materjal kien ferm presenti ġewwa kull *shipyard* minħabba l-użu kopjuz tiegħu ġol-vapuri. Spjega b'mod ċar il-*policy manager* tal-Malta Shipyards kif bdiet tipperkula l-*awareness* fuq l-isess materjal ġewwa t-tarzna u x'beda jsir fir-rigward biex isservi ta' protezzjoni lil ħaddiema fi ħdan l-istess entita'. L-istess Joseph Saliba spjega li l-*asbestos* ġewwa t-tarzna kellu varji użi *"...tant li kien ikollna rolls ta' asbestos sheets, l-asbestos huwa tajjeb ħafna biex jilqa' kontra s-sħana, allura konna nuzawh u nqattghu d-drapp, sejjahlu drapp, tal-asbestos biex nagħmlu s-shileding tal-affarijiet. ..Ngħid li kien hemm l-asbestos.*"[34] Anzi senjatament jgħid li dan il-materjal ġewwa t-tarzna *"Kien tant poplari..''*[35] Oltre hekk huwa ukoll risaput illi bħala okkupazzjonoi ta' *shipwrigh*t dan ix-xogħol ġia min-natura tiegħu jinvolvi kuntatt kontinwu tal-ħaddiem mal-vapuri fl-istess yards.

2. Il-periklu għas-saħħa kawżata minn espożizzjoni għall-*asbestos,* partikolarment espożizzjoni prolongata, ġie konfermat f'depożizzjoni dettaljata minn Dr George Peplow.

3. Kif ġia ingħad bla dubju ġie pruvat illi missier ir-rikorrenti kien eventwalment ġie dijanjostikat bil-marda tal-kanċer – *mesothelioma* li wasslet għall-mewt tiegħu fl-1 ta' Diċembru, 2014;

4. Il-Professur Joseph Cacciattolo kkonferma n-ness dirett bejn dan it-tip ta' kanċer u l-espożizzjoni għall-*asbestos;*

[34] Fol 433
[35] Ibib.

5. Din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Carmena Fenech et vs Chairman tal-Malta Drydocks noe deċiż fis-6 ta' Diċembru 2006**[36] li kien jikkonċerna mewt ta' ex-ħaddiem tat-Tarzna kawża ta' *malignant mesothelioma* b'riżultat ta' espożizzjoni għall-*asbestos* kienet ukoll ikkonstatat hekk:

6. *"Jokkorri forsi f' dan l-istadju u qabel kull konsiderazzjoni oħra illi jsiru ċerti riljievi mediċi in materja tax-xorta ta' marda kkuntrattata mid-decujus Joseph Fenech u li ġabet id-deċess tiegħu. Dan kemm mir-riċerka kondotta mill-Qorti u l-aktar mix-xhieda tal-mediċi prodotti mill-atturi:-*

(i) "Malignant mesothelioma" huwa tumur "aggressiv immens" u "rari", pero` komuni ħafna f'min hu espost għall-asbestos. Infatti hu kkagunat minn "exposure kontinwu" għall-asbestos fibres;

(ii) Jinsab provvdut fil-letteratura medika illi "asbestos fibres are amongst the smallest occurring types of mineral and are indestructable. If inhaled the fibres can collect in the lungs. The body's defences cannot prevent them penetrating deep into the lung tissue where they often make their way to the pleure and can trigger genetic mutations which can eventually cause a cell to become malignant." Dan kollu hu sopportat mir-riżultanzi ta' l- awtopsja;

(iii) L-effetti noċivi ta' din l-esposizzjoni għall-asbestos jiżviluppaw wara ħafna żmien; ġieli 10 snin u ħafna drabi bejn 20 u 40 sena. Skond Dr. Emanuel Farrugia (fol. 142), "dan it-tumur ikun dormant għal ħafna snin imbagħad qisu jqum f'daqqa. Meta jqum, il-prognosis huwa bleak";

(iv) *Prodotti manifatturati minn asbestos huma installati anke fil-vapuri, ad eżempju, "pipe lagging systems". Tali tagħrif dwar il-prodotti, u hekk ukoll il-*

[36] Cit Nru 1427/97

konoxxenza dwar il-konsegwenzi noċivi minn kuntatt jew esposizzjoni għalihom, ma jidherx, fuq diskors ix-xhud preċedenti, li huma aljieni fostna";

7. Mill-provi mressqa ma rriżultaw ebda fatturi esterni oħra li setgħu ikkawżaw jew ikkontribwew għal dawn il-konsegwenzi fuq saħħet Charles Carmelo Bugeja, aktar u aktar għax jirrizulta illi tul ħajtu kollha huwa kien dejjem ħaddiem ġewwa l-Malta Drydocks u fuq barra għex ħajja normali b'attvita' normali u solita.

8. Il-Qorti tirritjeni il-konklużjoni tagħha illi l-kanċer *malignant mesothelioma* li bih marad u eventwalment miet Bugeja kien riżultat dirett tal-espozizzjoni tiegħu għall-effetti noċivi tal-*asbestos* fil-kors tal-ħajja lavorattiva tiegħu;

9. Ġie muri wkoll li għal għexieren ta' snin, kien hemm għarfien dwar ir-riskji għas-saħħa relatati mal-*asbestos*. Il-Profs Cacciattolo jgħid li evidenza xjentifika li tassoċja l-espożizzjoni għall-*asbestos* mal-kanċer tirrisali ghas-sena 1938. U **fl-1960, in-ness bejn l-*asbestos* u *pleural mesothelioma* kien ġie ndikat fil-bullettin mediku tal-Ingilterra, liema bulletin kien popolari mat-tobba Maltin**. **Dan il-fatt ma giex kontradett**. Minn naħa l-oħra Dr George Peplow jikkonċedi li lejn l-aħħar tas-sittinijiet, żgur li f'Malta kien diġa' hawn għarfien dwar l-effetti tal-*asbestos* tant li fl-Universita' kienu ttieħdu xi miżuri preventivi;

10. Bħala fatt għalhekk huwa ċar, u għal dan l-intimati odjerni m'għandhom ebda skuża, illi fil-perjodu li Charles sive Carmel Bugeja kien qiegħed jiġi espost għall-*asbestos* fuq il-post tax-xogħol tiegħu, l-għarfien għall-Awtoritajiet Maltin dwar il-perikli għas-saħħa assoċjati mal-*asbestos* kien ġia ezistenti u l-informazzjoni dwar in-ness bejn it-tip ta' kanċer li qabad lir-rikorrent u l-

espożizzjoni għall-*asbestos* kienet **ġia** disponibbli għalihom, pero ma ttieħedet ebda azzjoni immedjata;

11. Tant li nonostante dan l-għarfien l-Istat Malti xorta ma ħax miżuri preventivi adegwati biex jipproteġu s-saħħa tal-ħaddiema, tant li l-mejjet Charles Bugeja fost persuni oħra li almenu l-każ tagħhom spiċċa quddiem il-Qrati, spiċċa maż-żmien ikkontratta kanċer, li kkawża bla dubju l-mewt tiegħu. Mhux biss l-informazzjoni disponibbli għall-Istat damet wisq snin biex ġiet trasmessa lill-pubbliku talli anke mill-lat leġislattiv l-istess Stat ħalla **snin sħaħ** jgħaddu qabel beda ħa azzjonijiet konkreti biex jindirizza l-kwistjoni tal-effetti ħżiena li l-*asbestos* ikollu fuq is-saħħa tal-bniedem. Infatti l-Qorti tinnota li kien **biss** fis-**27 ta' Settembru 1994** li saru **Regolamenti dwar il-Projbizzjoni ta' Importazzjoni ta' Fibri ta' l-*Asbesto*s** (S.L.37.11) permezz ta' liema ħadd ma seta' jimporta ġewwa Malta jew joħroġ minn depot fibri sfużi tal-*asbestos*. Imbagħad kien l-**Att dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol tas-17 ta' Novembru 2000** (Kap.424 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-legislazzjoni sussidjarja li taqa' taħtu, li ndirizza direttament il-protezzjoni tal-haddiema mill-espożizzjoni għall-*asbestos*. Dan primarjament permezz tar-**Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta persuna tkun esposta għall-asbestos fuq il-Post tax-Xogħol (A.L.123 tal-2003 u A.L 323 tal-2006),** żmien li fih il-mejjet Bugeja kien diġa ilu snin li rtira mix-xogħol. Għal kull buon fini jiġi nnutat ukoll li fit-**28 ta' Ġunju 2002** kienu għaddew ir-**Regolamenti dwar Prevenzjoni u Tnaqqis ta' Tniggis tal-Ambjent mill-Asbestos** (S.L. 549.18);

12. Huwa minnu li l-Istat mhuwhiex tenut jagħmel l-impossibbli u m'għandux jiġi mgħobbi b'obbligi spropozjonati jew li mhux realistiċi. Iżda żgur

li dan mhux il-każ fis-sitwazzjoni in deżamina. Mhuwhiex il-kompitu tal-Qorti li tghid hi x'missu għamel l-Istat f'dawn iċ-ċirkustanzi iżda huwa ċar li, kif ingħad, bl-għarfien li kellu l-Gvern fl-epoka li kien għadu jaħdem Bugeja, l-istess Stat kien f'qagħda li jevalwa l-ħtieġa u jipprovdi miżuri adegwati li jipproteġu l-ħajja tal-ħaddiema fit-tarzna bħal ma kien missier ir-rikorrenti u ta' kull min f'Malta bħalhom kien espost għall-effetti tal-*asbestos* inkluż fuq il-post tax-xogħol;

13. Il-Qorti tqis li anke f'dan il-kaz għandha tagħmel ukoll referenza estensiva għall-konklużjoni tal-Qorti Ewropea fil-kuntest tad-dritt għall-ħajja fil-każ **Brincat and others v Malta** u dan b'referenza għall-argumenti sostanzjalment simili għal dawk tal-lum li kienu imressqa mill-applikanti u mill-Gvern f'dak il-każ:

"104. [....] the Court considers it established that the applicants ……were exposed to asbestos during their careers as employees at the ship repair yard run by the MDC. Indeed, while admitting that all workers were exposed to some extent, the Government contended that after they had become aware of the relevant dangers, they had ensured that the applicants were not made to work on asbestos-laden ships, without submitting what other possible functions or work they had been assigned at their place of work or any details regarding the dates when they had ceased to work with such material. Given the information and documents available, the Court finds no reason to doubt the applicants' assertions as to their working history.

105. The Court must also consider whether the Government knew or ought to have known of the dangers arising from exposure to asbestos at the relevant time (from the entry into force of the Convention for Malta in 1967 onwards) (see, in a different context, O'Keeffe v. Ireland [GC] no. 35810/09, 28 January 2014, §§

152 and 168). In this connection the Court notes that the Government implicitly admitted to have known of these dangers in or around 1987, as they stated that as soon as they had become aware of the dangers associated with asbestos, laws were enacted to protect employees from these dangers as early as 1987. Nevertheless, given that Mr Attard had left the dry docks in 1974, the Court must examine whether at the time while he was exposed, that is, at least in the early 1970s, the Government knew or ought to have known of the relevant dangers. The Court acknowledges that the ILO Asbestos Recommendation and subsequent Convention which contained the minimum standards applicable concerning the use of asbestos were adopted in 1986. Nevertheless, as in many cases, the adoption of such texts comes after considerable preparatory work which may take significant time, and in the ambit of the ILO after having undertaken meetings with representatives of governments, and employers' and workers' organisations of all member countries of the organisation. They are usually preceded by a number of guidelines, and before concrete proposals can be made there is a thorough search for a consensus between the stake holders, namely public authorities as well as employers and workers. It is also common knowledge that the issues surrounding asbestos have been greatly debated amongst stakeholders all over the world, and that given the interests involved, particularly economic and commercial ones, acknowledging its harmful effects has not been easy. In this connection the Court observes that up to this date a number of countries have not yet banned the substance and only thirty-five countries out of the one hundred and ninety-eight United Nations Member States have ratified the Asbestos Convention. It appears logical, that this cannot be taken to mean that the dangers of asbestos are today still unknown.

106. Thus, as to whether the Maltese Government knew or ought to have known in the early seventies, the Court must rely on other factors, most evident amongst them being objective scientific research, particularly in the light of the domestic

context. The Court takes account of the list, submitted by the applicants, which contains references to hundreds of articles or other publications concerning the subject at issue published from 1930 onwards - many of them taken from reputable British medical journals. The Court observes that medical studies at the then Royal University of Malta were modelled on, and followed closely upon, the corresponding United Kingdom system, with many graduates in medicine continuing their studies in England and Scotland. Particularly in view of this situation, even accepting the Government's argument - that is, that information was at the time not as readily available as it is today - it is inconceivable that there was no access to any such sources of information, at least, if by no one else, by the highest medical authorities in the country, notably the Chief Government Medical Officer and Superintendent of Public Health (as provided for in the, now repealed, Department of Health (Constitution) Ordinance, Chapter 94 of the Laws of Malta, see paragraph 42 above). In fact, according to Maltese law it was precisely the duty of the Superintendent of Public Health to remain abreast of such developments and advise the Government accordingly. The Court, further, observes that it has not been submitted that there had been any specific impediment to access the necessary information. Furthermore, the Government failed to rebut the applicants' assertion with any signed statement by a medical expert or authority, who could have attested that the medical professionals in the country were, in or around the 1970s, unaware of these worrying medically related findings at the time. Moreover, the Pellicano judgment by the Commercial Court (see paragraph 35 above) is in itself an implicit acknowledgement by a domestic court that in the years preceding Mr Pellicano's death in 1979 the authorities knew or ought to have known of the dangers of working with asbestos and that they had failed to provide adequate health and safety measures in that respect. Against this background, the Court concludes that for the purposes of the present case, it suffices to consider that the

Maltese Government knew or ought to have known of the dangers arising from exposure to asbestos at least as from the early 1970s.

107. As to the fulfillment of the ensuing obligations, as stated above, the respondent Government claimed that as soon as they had become aware of the dangers associated with asbestos, laws were enacted to protect employees from these dangers and this as early as 1987 by means of the Work Place (Health, Safety and Welfare) Regulations. It follows that, by Government's admission, up until 1987 no positive action was taken in the nearly two decades (four years in the case of Mr. Attard who left the MDC in 1974) during which the applicants had been exposed to asbestos. 108. As to the steps taken after 1987, the Court firstly notes that the mentioned regulations make no reference to asbestos, unlike the later legislation which was enacted for that precise purpose. Consequently, it is difficult to accept the Government's argument that the Work Place (Health, Safety and Welfare) Regulations were the first proactive attempt to safeguard the applicants against these dangers by means of legislation.

109. However, even assuming that the Work Places (Health, Safety and Welfare) Regulations were indeed a legislative reaction to the dangers of asbestos exposure and that, therefore, the Government treated asbestos as falling into the category of a "toxic material" or "dangerous substance" for the purposes of that legislation, the Court notes the following. In accordance with Regulation 16, no employer may use or suffer to be used any chemical or material which is toxic without the approval of the Superintendent of Public Health. The Government did not find it expedient to explain whether such approval had been sought or given for asbestos and, if so, on what grounds. Even if approval was given, by the Government's implicit admission, asbestos continued to be used and employees continued to work on it. Pursuant to Regulation 18, it was the duty of the employer to ensure that the atmosphere in workrooms in which potentially

dangerous or obnoxious substances were handled or used was tested periodically to ensure that, inter alia, toxic or irritating fibres were not present in quantities that could injure health, and to maintain an atmosphere fit for respiration. Moreover, no work should have been carried out unless such tests had been done. Again, the Government have not indicated that any such tests had ever been carried out in the workrooms (or elsewhere) where the applicants, like the other employees, had been exposed to asbestos. Apart from the above-mentioned regulations (16 and 18), the Work Places (Health, Safety and Welfare) Regulations made no provision for any other practical measures which could or should have been taken in order to protect the applicants, nor were there any provisions concerning the right to access information. It was only the legislation enacted in 2003 and 2006 which introduced such measures, including (but not limited to) the duty to provide the applicants and people in their situation with information about the risks to health and safety which they were facing.

110. The Court considers that enacting specific legislation fifteen years after the time in the mid-1980s when the Government accept that they were aware of the risks can hardly be seen as an adequate response in terms of fulfilling a State's positive obligations. Furthermore, by the time the 2002, 2003 and 2006 legislation had been enacted and came into force (see paragraphs 33 and 34 above), the applicants had little if anything to gain since the timing coincided with the end of their careers, when they were leaving or had already left Malta Drydocks (see paragraph 6 above).

111. Consequently, from the information provided, it is apparent that from the mid-1980s to the early 2000s, when the applicants (except for Mr Attard) left the MDC, the legislation was deficient in so far as it neither adequately regulated the operation of the asbestos-related activities nor provided any practical measures to ensure the effective protection of the employees whose lives might have been

endangered by the inherent risk of exposure to asbestos. Moreover, even the limited protection afforded by that legislation had no impact on the applicants since it appears to have remained unenforced.

112. The Court considers that, while there is a primary duty to put in place a legislative and administrative framework, it cannot rule out the possibility, a priori, that in certain specific circumstances, in the absence of the relevant legal provisions, positive obligations may nonetheless be fulfilled in practice. In the present case, however, the only practical measure that appears to have been taken by the State, as the employer, was to distribute masks, on unspecified dates and at unspecified intervals (if distributed repeatedly at all). The Court notes in this connection that the apparently disposable masks (which were shown to the Court) were considered by experts in the Pellicano case to be of "inadequate quality" and "did not take sufficient account of the state of scientific knowledge about the subject matter at the relevant time" (see paragraph 33 above). These findings are sufficient for the Court to conclude that such practical attempts left much to be desired."

A skans ta' ripetizzjoni inutli l-Qorti tabbraċċja u tagħmel tagħha l-kunsiderazzjonijiet tal-QEDB appena ċitati.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti l-Qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamementali tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u tilqa' ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti.

Għall-istess raġunijiet sejrin jiġu respinti eċċezzjonijiet tal-intimati f'dan ir-rigward msemmija.

B. It-tieni u it-tielet talba attriċi huma fis-sens li hemm ksur ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea applikati lokalment via l-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll fit-terminu ta' l-istess artikolu ksur ghad-dritt tal-ħajja pero f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt ta' informazzjoni dwar perikoli marnbutin ma l-*asbestos.*

Fl-eċċezzjoni f'dan ir-rigward l-intimati jgħidu illi:-

(iii) Illi fit-tielet lok, la l-Artikolu 8 u lanqas ebda artikolu ieħor fil-Konvenzjoni Ewropea u fil-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistabilixxi xi dritt fundamentali t'informazzjoni dwar perikli assoċjati mal-asbestos jew ma' kwalunkwe materjal ieħor kif qed jippretendu r-rikorrenti u għalhekk iċ-cirkostanzi odjerni lanqas ma jirraprezentaw xi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:

"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."

Naraw li l-awturi Harris, O'Boyle and Warbrick jgħidu hekk dwar dan l-artikolu fil-ktieb tagħhom **Law of the European Convention on Human Rights**:

"Article 8 places on States the obligation to respect a wide range of personal interests. Those interests – 'private and family life, home and correspondence' – embrace a variety of matters….In its application of Article 8, the Court has taken a flexible approach to the definition of the individual interests protected, with the result that the provision continues to broaden in scope….

[….]

The terms of Article 8(2) make it clear that the state must refrain from arbitrary interference with everyone's private and family life, home and correspondence. This obligation not to engage in 'arbitrary action' is an obligation of the classic negative kind, described by the Court as the 'essential object' of Article 8[37]."

L-ewwel ilment tar-rikorrenti f'dan il-kuntest huwa li l-esposizzjoni ta' Charles Carmelo Bugeja għall-asbetos affettwat negattivament il-kwalita' ta' ħajja kemm tiegħu kif ukoll tal-familjari tiegħu peress li huwa sofra l-konsegwenzi tal-mard li huwa kkuntratta kaġun tal-esposizzjoni għall-*asbestos*, għall-liema jaħtu l-intimati. Ukoll, ir-rikorrenti jsostnu, u dan ħareg tant ċar mix-xhieda tar-rikorrenti Charles iben il-mejjet, li spejga ben sew kif il-kwalita' ta' ħajja tagħhom bħala familja ġiet affetwata avversament bil-marda u l-mewt ta' missierhom.

Jatribwixxu dan l-obbligu minhom invokat ukoll bħala wieħed inkombenti fuq l-istat, wieħed ta' livell vertikali lejn iċ-cittadin n kwantu l-istat huwa mghobbi

[37] Fol 361-362

b'dan d-dover versu ċ-cittatdin li jipprovdi legislazzjoni apposita, mizuri sikuri ukoll infomazzjoni effiċjenti u suffiċjenti illi jassiguraw il-protezzjoni u l-infomazzjoni adekwata għall-protezzjoni tal-ħajja. .

Dwar dawn l-ilmenti a tenur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni l-Qorti tqis li, kif anke konfermat mill-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea fil-każ **Brincat and others v Malta**, f'ċirkustanzi li jirrigwardaw persuni milquta mill-marda li qabdet ukoll lil Bugeja u li miet kaġun tagħha, il-kunsiderazzjonijiet tal-Qrati dwar il-ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għall-protezzjoni tal-ħajja jassorbu fihom il-kunsiderazzjonijiet li jistgħu jolqtu l-ilment ta' ksur tad-dritt għar-rispett għall-ħajja familjari kif protett bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

Minn dan isegwi li la fil-każ odjern din il-Qorti diġa sabet ksur tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tal-ħajja a bażi tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, ma jibqax aktar lok li jiġu eżaminati l-lanjanzi tar-rikorrenti taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

Fil-każ suċċitat fl-ismijiet **Mary Grace Farrugia et vs Tabib Principali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et** il-Qorti qalet hekk -

"Fil-każ ta` Brincat (op. cit.) ingħad ukoll :-

"85. However, in the context of dangerous activities, the scope of the positive obligations under Article 2 of the Convention largely overlaps with that of those under Article 8 (see Öneryıldız, cited above, §§ 90 and 160). The latter provision has allowed complaints of this nature to be examined where the circumstances were not such as to engage Article 2, but clearly affected a person`s family and private life under Article 8 (see López Ostra v. Spain, 9

December
1994, Series A no. 303-C and Guerra and Others, cited above).”

Il-konklużjoni kienet illi fil-każ tal-ħaddiema li mietu bil-mesiothelioma l-ilment tagħhom kellu jiġi trattat fil-kuntest ta` vjolazzjoni tal-Art 2 mentri fil-każ tal-ħaddiema illi mardu bil-mesiothelioma l-ilment kellu jiġi trattat biss fl-ambitu tal-Art 8. Din il-Qorti tikkondividi l-linja traċċjata mill-ECHR u sejra tqis il-mewt ta` Andrew Psaila – għar-raġunijiet fuq esposti – bħala vjolazzjoni tal-Art 2 mhux tal-Art 8.”

Każijiet oħra riċenti li segwew din il-linja ta' ħsieb huma –

Anna Camilleri et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et deċiż fl-10 t'April 2018[38]

Emanuela Caruana et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika et) deċiż fit-28 ta' Frar 2018[39]**.**

Josephine Mallia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et deċiż fil-15 t'Ottubru 2018[40]**.**

Għalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti u konsegwentement tagħmel l-istess fir-rigward ta' l-eċċezzjonijiet relevanti.

C. **Ir-raba' talba attriċi hija biex jiġi kwantifikat kumpens xieraq bħala rirmedju għal ksur tad-drittijiet supra indikati jew liema minnhom, mentri l-ħames talba attriċi dik biex jiġi likwidat dan il-kumpens u konsegwentement is-sitt talba li tordna li l-ammont hekk likwidat bħala riemdju pekunjarju jiġi mħallsa lir-rikorrenti individwalment.**

[38] Rik 53/17
[39] Rik nru 22/17
[40] Rik 34/17

Għal dawn it-talbiet l-intimati jirrispondu li kwalunkwe talba għal ħlas ta' kumpens fil-konfront tagħhom hija nfondata. Ukoll li jekk il-Qorti ssib skur allura talli dikjarazzjoni għandha tkun rimedju suffiċjenti.

Ikkonsidrat

Illi l-argument tar-rikorrenti huwa lil Qorti m'għandhiex bħala fattur prinċipali n kwantu għad-determinazzjoni tar-rimedju pekunjarju tistrieħ fuq l-eta' tal-mejjet. Dan ovvjament joħrog mill-fatt lid-deċujus kien ta' eta' piutost avvanzata meta miet, ċioe' dik ta' 83 sena. Jinvokaw il-prinċipju ta' ***auctoritas rerum similiter iudicatarum*** u ċertezza tad-dritt fil-konfront ta' l-istess riemdju pekunjarju. Jissugerixxu bħala somma idonea dik ta' €30, 000. Jorbtu dan l-ammont li għandu jiġi likwidat anke mall-livell ta' l-ghexien tal-ħajja tal-pajjiz.

Da parti tagħhom l-intimati jirribattu din it-talba billi jargumentaw illi r-rikorrenti naqsu milli jsemmu fatturi saljenti bħala fatt illli missierhom kien ilu ritirat għal tnejn u ghoxrin sena qabel ma ġiet afflitt bil-marda tal-kanċer ukoll illi kienu rċevew ġia somma sostanzjali bħala kumpens għal akkadut mis-soċjeta Amerikana kif der resto xehed Jesmond Marshall.

Biex tiġi sovuta din il-vertenza din il-Qorti għal darb'oħra se tistrieħ fuq it-tgħallim ġurisprudenzjali lokali, għalhekk ingħad fid-deċizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **John Formosa et. vs Tabib Prinċipali tal-Gvern. Et.**[41]

"*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

22. Fl-aggravju tagħhom ir-rikorrenti jilmentaw dwar il-quantum tal-kumpens moghti mill-ewwel Qorti fl-ammont ta' €21,000.

---

[41]Op . Cit.

Qabel xejn għal dak li jirrigwarda l-prinċipji affermati mill-gurisprudenza lokali u dik ta' Strasburgu dwar ir-rimedju, kemm dwar in-natura tiegħu kif ukoll l-ammont tal-kumpens, din il-Qorti, a skans ta' repetizzjoni inutili, tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet legali magħmula minnha fis-sentenzi mogħtija llum fil-kawzi fl-ismijiet ***Anthony Farugia v. Tabib Principali tal-Gvern****1 u* ***Maria Rosaria Fenech v. Tabib Principali tal-Gvern****.*

23. Il-Qorti tosserva ulterjorment li Ilum, u minħabba l-fattispecje tal-kaz odjern, din il-Qorti taqbel ma dak osservat mill-Qorti ta' Strasburgu ***Brincat and others v. Malta****3 fejn, filwaqt li tat tifsira aktar wiesa' tal-portata tar-rimedju "pekunjarju" mitlub fil-proċeduri f'Malta f'dak il-kaz, ġie riaffermat li fil-kazijiet ta' lezjoni tal-Artikoli 2 u 3 u possibilment, f'cirkostanzi applikabbli, tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, għandu dejjem ikun possibli bħala rimedju l-ħlas ta' danni mhux pekunjarji.*

24. Din il-Qorti tinnota illi l-ewwel Qorti fis-sentenza preliminari tagħha tad-19 a' Novembru, 2014, kienet ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati li r-rikorrenti ma kienux ezawrew ir-rimedji ordinarji ezistenti. Madankollu jiġi osservat li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova f'din il-kawza, għajr ghall-eta` tal-vittma meta miet, bħala substratt fattwali tat-talba tagħhom li jiġu likwidati danni pekunjarji. Huwa evidenti għalhekk, li r-rimedju meritu ta' dan l-appell għandu jkun limitat biss f'dak non-pekunjarji ossia danni morali.

25. Infatti, din il-Qorti tosserva illi minkejja illi fil-ħames talba tagħhom fir-rikors promotur, ir-rikorrenti talbu illi tingħata ordni sabiex l-ammont likwidat bħala rimedju pekunjarju jitħallas lilhom, ma jirrizultax illi l-aggravju tagħhom jinsab iccentrat fuq in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tillikwida danni pekunjarji.

Evidentement, ir-rikorrenti llimitaw l-ewwel aggravju tagħhom għall-konsiderazzjoni li l-quantum tad-danni morali likwidat mill-ewwel Qorti, tant huwa baxx illi huwa diskriminatorju meta mqabbla ma' danni non-pekunjarji mogħtija f'kazijiet simil

26. Skont ir-rikorrenti, l-ewwel Qorti ma ħaditx kont tal-quantum tal-kumpens likwidat mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' ***Brincat and others v. Malta****. Din il-Qorti tosserva illi f'dan il-kaz appena ċitat, il-Qorti Ewropea llikwidat kumpens non-pekunjarju fis-somma ta' €9,000 għal-lezjoni tal-Artikolu 2 u 8 tal-Konvenzjoni fil-kaz ta' diversi vittmi li, għalkemm ġie stabbilit li saħħithom ġiet affettwata negattivament u serjament b'espozizzjoni għall-asbestos, kienu għadhom ħajjin meta ġie deċiz il-kaz. Ir-rikorrenti jagħmlu wkoll referenza għall-kaz fl-ismijiet* ***Mary Grace Farrugia et v. Tabib Principali tal-Gvern et*** *dċciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar, 2017, fejn il-kumpens li ngħata, bħal fil-kaz ta'* ***Brincat v. Malta****, kien ta' €30,000.*

27. il-Qorti taqbel mar-rikorrenti illi ċ-ċirkostanzi ta' dawn iż-żewg kazijiet citati minnhom fir-rikors tal-appell, huma analogi għal dawk tal-kaz odjern fil-mertu ċentrali tagħhom inkwantu fit-tliet kazijiet, il-vittmi kollha kienu eks-impjegati tal-Malta Drydocks, kienu jaħdmu fl-istess perijodu ta' żmien bħala ħaddiema ġewwa t-tarzna, kienu kollha esposti għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol tagħhom, u lkoll mietu b'kundizzjonijiet li kienu kagun tal-espozizzjoni kontinwa tagħhom għal asbestos. Il-Qorti tosserva li, dawn il-kriterji, magħdud magħhom ukoll it-tul taż-żmien tal-marda li l-vittmi sofrew qabel ma' mietu, u l-anzjeta u s-sofferenza tal-familjari tal-vittma kif ukoll, sa ertu punt, l-eta` tal-vittma, huma fatturi relevanti biex jiġi likwidat kumpens għal danni non-pekunjarji lill-eredi tal-vittmi.

28. Din il-Qorti tħoss li huwa importanti li jiġi spjegat u senjalat li l-fattur tal-eta` tal-mewt tal-vittma għandu piz qawwi fil-komputazzjoni tal-kumpens, għax għandu jirrizulta ċar li, hemm differenza kbira bejn il-kaz fejn il-marda qerrieda tkun ħakmet persuna f'eta` relattivament zgħira bħal ngħidu ahna 60 sena ċirca u fil-kaz fejn il-marda tkun ħakmitu meta l-persuna kienet qabzet is-70 sena. Meta l-vittma jkun ġie privat minn ħajtu f'eta` relattivament zgħira, il-familjari tiegħu jkunu gew privati mill-prezenza u mill-kumpanija tiegħu għal numru ta' snin li kieku ma ħakmitux il-marda, u hekk ġara fil-kaz odjern fejn Salvatore Formosa miet ta' 62 sena.

29. Fattur ieħor li fil-fehma ta' din il-Qorti għandu jiġi senjalat fil-komputazzjoni tal-kumpens huwa t-tul taż-żmien li matulu l-vittma dam isofri mill-marda, f'liema perijodu wkoll il-familjari tiegħu jkunu sofrew anżjeta` u dwejjaq meta kienu jaraw lil missierhom ibati, minħabba l-marda, sakemm miet. Iżda fil-kaz odjern hija manifestament mankanti l-prova ta' kif u f'liema grad il-marda affettwat lil John Formosa u kemm ipperdurat il-marda qabel ma eventwalment miet. Ma tressqet l-ebda prova fir-rigward mir-rikorrenti, u dan in-nuqqas mingħajr dubbju kellu effett fuq kif l-ewwel Qorti waslet għad-deċizjoni tagħha. Ukoll, għalkemm f'ċirkostanzi normali l-marda u l-konsegwenti mewt minn dik il-marda ta' Salvatore Formosa probabbilment ikkagunat anżjeta` u tbatija kbira lilu u lill-familjari tiegħu jew uhud minnhom, ma tressqet l-ebda prova dwar in-natura ta' tali konsegwenzi. Lanqas ma jirrizulta kemm ir-rikorrenti kien f'relazzjoni viċina mal-vittma.

30. Għalhekk, anke tenut kont ta' kazijiet analogi deċizi minn din il-Qorti u anke mill-Qorti Ewropea, tenut kont min-naħa waħda tal-eta` relattivament zgħira tal-vittma meta miet u minn naħa l-ohra tenut kont tan-nuqqas ta' provi fir-rigward ta' kemm ipperdurat il-marda u tan-nuqqas tal-provi dwar it-tip ta' relazzjoni li dan kellu mal-familjari tiegħu, din il-Qorti ma tara ebda raguni

valida għaliex għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti u tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggjunta minnha fil-komputazzjoni tal-quantum tad-danni morali mogħtija minnha.

31. Għaldaqstant l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jiġi respint".

Ukoll fil-każ **Emanuela Caruana et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) ukoll deċiż fil-5 t'Ottubru 2018** il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar il-likwidazzjoni tad-danni –

19. Fl-ewwel lok hija f'lokha l-osservazzjoni li l-proċeduri odjerni huma prinċipalment diretti sabiex jindirizzaw il-leżjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali subita mir-rikorrenti fid-drittijiet fundamentali tagħhom, preċiżament, f'dan il-każ, id-dritt protett bl-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li tagħhom l-ewwel Qorti rravvizat ksur.

20. In tema legali jingħad li huwa paċifiku illi meta tinsab leżjoni ta' dritt protett mill-Konvenzjoni jew il-Kostituzzjoni, il-mira primarja tar-rimedju tkun, ġeneralment, il-waqfien tal-leżjoni, u il-konsiderazzjoni ta' kumpens tkun ta' importanza sekondarja, tant illi l-kumpens m'huwiex mogħti f'kull każ fejn tiġi riskontrata leżjoni. Daqstant ieħor huwa paċifiku illi l-qorti fil-funzjoni kostituzzjonali tagħha, għandha s-setgħa illi tipprovdi għall-ħlas ta' danni sew pekunjarji, sewwasew morali jew nonpekunjarji, b'żieda mar-rimedju li jista' jkun mogħti meta dan ir-rimedju jista' ma jkunx wiehed sħiħ u ma jagħmilx ġustizzja f'dak il-każ u meta d-dikjarazzjoni waħedha ta' ksur, jew il-waqfien tal-leżjoni, ma jkunux suffiċjenti. Hawnhekk tqum il-ħtieġa li l-vittma tiġi kkumpensata ulterjorment għat-telf li tkun soffriet. Fil-każ ***Kingsley v. United Kingdom*** *il-Qorti Ewropea għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:*

"The court recalls that it is well established that the principle underlying the provision of just satisfaction for a breach of article 6 is that the applicant should as far as possible be put in the position he would have enjoyed had the proceedings complied with the Convention's requirements. The court will award monetary compensation under article 41 only where it is satisfied that the loss or damage complained of was actually caused by the violation it has found, since the state cannot be required to pay damages in respect of losses for which it is not responsible."

21. F'dawk il-każijiet fejn ġie ritenut li jkun opportun u ndikat li ssir ordni għall-hlas ta' kumpens għal danni pekunarji u/jew non-pekunjarji, din il-Qorti, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza lokali u tal-Qorti ta' Strasburgu, identifikat b'mod ġenerali, tliet kriterji ċentrali u kumulattivi: [i] li r-rimedji li jkunu eżistenti jew disponibbli fis-sistema ġuridika ordinarja, ikunu nadegwati; [ii] ikun hemm konnessjoni kawżali bejn il-leżjoni u t-telf li għalih jintalab il-kumpens, b'mod illi kumpens jingħata biss fejn jiġi stabbilit ness kawżali bejn il-leżjoni u t-telf reklamat; u finalment [iii] l-iktar f'każijiet fejn issir talba għall-ħlas ta' kumpens għal danni non-pekunjarji, irid jiġi rravviżat grad suffiċjenti ta' gravita` tat-telf innifsu. In propositu, huwa risaput illi dan il-kriterju tal-aħħar jingħata tifsira relattivament ristrettiva fis-sens illi diment li l-ansjeta` u t-tbatija ma jkunux ta' gravita` eċċezjonali, m'hijiex ir-regola li jingħata kumpens għal danni mhux pekunjarji.

22. Issir referenza in propositu għas-sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, fl-ismijiet **Victor Gatt et v. Avukat Ġenerali, u Maltapost plc (C22796)***, fejn din il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet relevanti f'materja ta' kumpens:*

"Dwar just satisfaction, ir-regola hija li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-istat għandu jipprovdi għal restitutio in integrum. Meta

dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibili l-Qorti għandha tagħti just satisfaction. Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni waħedha tkun bizzejjed hija l-eċċezzjoni u għandha tkun riservata għal każijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zgħar. Fil-każijiet l-oħra fejn il-leżjoni hija aktar serja l-Qorti għandha tagħti kumpens pekunjarju għal dik il-vjolazzjoni. ... Kif ingħad fis-sentenza Amato Gauci v. Malta deċiża fil-15 ta' Settembru 2009, "Under Article 41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied (ibid., § 249). ……..(para 80)."

(.......)

30. Din il-Qorti tħoss li huwa importanti li jiġi spjegat u senjalat li l-fattur tal-eta` tal-mewt tal-vittma għandu piż qawwi fil-komputazzjoni tal-kumpens, għax għandu jirriżulta ċar li, hemm differenza kbira fil-każ fejn il-marda qerrieda tkun ħakmet persuna f'eta` relattivament żgħira bħal ngħidu aħna 60 sena circa u meta bħal fil-każ odjern il-marda tkun ħakmitu meta l-persuna kienet qabżet is-70 sena. Fl-ewwel każ il-vittma jkun ġie privat minn ħajtu f'eta` relattivament żgħira, u għalhekk il-familjari tiegħu jkunu ġew privati mill-preżenza u mill-kumpanija tiegħu għal numru ta' snin li kieku ma ħakmitux il-marda, filwaqt li fit-tieni każ il-vittma jkun għex għall-numru ta' snin u hu u l-familjari tiegħu jkunu gawdew lil xulxin tul dak iż-żmien sakemm miet f'eta` [71] piuttost avvanzata meta l-prospetti li persuna tkompli tgħix u tgawdi kwalita` ta' ħajja tajba jkunu bdew jonqsu.

31. Fattur iehor li fil-fehma ta' din il-Qorti għandu jiġi kkonsidrat fil-komputazzjoni tal-kumpens huwa t-tul taż-żmien li matulu l-vittma damet isofri

mill-marda, f'liema perjodu wkoll il-familjari tiegħu jkunu sofrew ansjeta` u dwejjaq meta kienu jaraw lil missierhom ibati, minħabba l-marda, sakemm miet. Fil-każ odjern jirriżulta li bejn id-data li fiha tfeġġet il-marda u l-mewt tar-rikorrent, għaddiet circa sena u nofs.

32. Għalkemm din il-Qorti tqis li huwa minnu li kull każ għandu jiġi analizzat minn lenti individwali u fuq il-merti partikolari tiegħu, hija daqstant relevanti l-konsiderazzjoni ta' uniformita` fid-deċizjonijiet ta' każijiet analogi, u dan fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja kif ukoll sabiex din il-Qorti ma tagħtix lok hija stess għal ilmenti oħrajn ta' natura kostituzzjonali. Dan ma jfissirx li l-qorti ma tistax tiddeċiedi b'mod differenti mill-ġurisprudenza lokali jew tal-Qorti ta' Strasburgu in materja, jekk tasal biex temmen illi fil-każ partikolari quddiemha, ma għandhomx jigu applikati l-konsiderazzjonijiet magħmulin f'sentenzi ohrajn precedenti fl-istess materja, anke għaliex kif inhuwa risaput, il-qrati Maltin ma humiex marbutin bil-prinċipju ta' stare decisis. Fir-rigward, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Trapani Galea Feriol pro et noe v. Kummissarju tal-Artijiet et*** *deċiża fil-31 ta' Ottubru 2014, fejn f'materja ta' komputazzjoni ta' kumpens għal leżjoni ta' dritt fondamentali sanċit fl-artikolu konvenzjonali fuq ċitat ġie osservat:-*

"Rigward il-quantum tal-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li kull każ għandu jiġi trattat u deċiż fuq il-fattispecie tiegħu. Barra minn hekk, jekk il-Qorti Ewropeja ħasset li f'ċerti każijiet kellha tagħti kumpens f'ammont inferjuri għal dak li ngħata lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti, ma jfissirx li allura l-qrati maltin tilfu l-awtonomija tagħhom b'mod li bilfors kumpens li jingħata ikun f'ammont viċin dak li tagħti l-Qorti Ewropeja."

33. Madanakollu, huwa paċifiku wkoll illi l-qrati Maltin ma jiskartawx faċilment il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, speċjalment meta jkunu qegħdin jittrattaw leżjoni taħt il-Konvenzjoni, wisq anqas ma jiskartaw ġurisprudenza lokali in materja fejn jiġi stabbilit illi l-fattispecie tal-każijiet ikunu analogi, kif inhuma l-każ odjern ta' Emanuel Caruana, u dawk ta' George Spiteri u ta' Attard, salv għall-etajiet differenti tal-vittmi. Fil-fatt Emanuel miet meta kellu 71 sena, George Spiteri miet meta kellu 67 sena u Attard miet fl-eta` ta' 61. Fl-istess vena, din il-Qorti tirreferi wkoll għall-każ ta' Andrew Psaila, deċiż b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti, li wkoll miet kawża tal-espożizzjoni tiegħu għall-asbestos f'ċirkostanzi simili għal dawk taħt konsiderazzjoni. F'dak il-każ, il-vittma, bħal fil-każ odjern ta' Emanuel Caruana u fil-każ ta' George Spiteri, kif ukoll ta' Attard, kien miet fi żmien qasir wara feġġet il-marda assoċjata mal-asbestos. Iżda, fil-każ ta' Andrew Psaila, għalkemm dan kien miet meta kien għadu impjegat mal-Malta Drydocks fis-sena 1980 fl-eta` ta' 60 sena, il-Qorti illikwidat kumpens ghal danni mhux pekunjarji fis-somma ta' €30,000, ċioe` somma identika ghal dik likwidata fil-każ ta' Attard fid-decizjoni ***Brincat and others v. Malta****. Il-Qorti mmotivat id-deċiżjoni tagħha fil-każ ta' Andrew Psaila, kif ġej:-*

"Ghal dak li jirrigwarda non pecuniary damages, din il-Qorti sejra toqgħod fuq il-linji traccjati fil-kaz ta` Brincat. Hemm fost l-applikanti kien hemm l-eredi ta` ħaddiem kunjomu Attard li miet b`kanċer attribwit għall-esposizzjoni mill-asbestos. Attard miet fl-2006 fl-eta` ta` 61 sena. Fil-kaz tal-lum Psaila miet fl-1988 fl-eta` ta` 60 sena. Il-Qorti sejra tillikwida kumpens fl-ammont ta` €30,000 għall-vjolazzjoni tal-Art 2 tal-Konvenzjoni u għall-Art 33 tal-Kostituzzjoni sabiex jinqasam indaqs bejn kull wieħed u waħda bejn l-erba` rikorrenti."

Rat ukoll sentenzi oħra in materja partikolarment dawk deċiżi riċenti fosthom –

Mary Grace Farrugia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et deċiża fil-31 ta' Jannar 2017 fejn il-kumpens akkordat kien dak ta' **€30,000**. Il-Qorti qieset li d-decujus kien miet fl-eta' ta' **60 sena**. Ebda appell ma kien sar minn dik is-sentenza.

Josephine Mallia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern deċiż fil-15 t'Ottubru 2018
fejn il-kumpens akkordat kien dak ta' **€25,000.**

Lawrence Grech et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et deċiż fit-8 ta' Novembru 2018 fejn il-kumpens akkordat kien dak ta' **€30,000.** Il-Qorti kkunsidrat fost affarijiet oħra li Grech miet ta' **57 sena** ukoll li madwar sena u ħdax-il xahar wara li feġġew l-ewwel sintomi tal-marda terminali tiegħu.

Anthony Farrugia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et deċiż fil-5 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti Kostituzzjonali varjat is-sentenza tal-ewwel Qorti fil-*quantum* tal-għoti ta' kumpens u akkordat is-somma ta' **€10,000.** Fost il-fatturi ewlenin li wasslu lill-Qorti tagħti dak il-kumpens kien li lil Farrugia l-marda qabditu fl-aħħar sena u nofs ta' ħajtu u miet fl-eta' avvanzata ta' **84 sena**.[42]

Emanuela Caruana et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et deċiż fil-5 t'Ottubru 2018 fejn il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti li kienet akkordat kumpens ta' **€12,000** wara li qieset li Emanuel Caruana kien miet ta' 71 sena ċioe għaxar snin wara li irtira u ta' eta li qabżet is-70 sena.

[42] Enfasi ta' din il-Qorti.

John Formosa et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et deċiż fil-5 ta' Ottubru 2018, ġia riferuta, fejn il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti li kienet akkordat kumpens ta' **€21,000** wara li qieset li Formosa kien miet fl-eta` ta' **62 sena**, il-kontribuzzjoni familjari ma tantx kienet qawwija pero' din l-istess kontribuzzjoni xorta kienet determinanti ghall-familja numeruza tiegħu.

Maria Rosaria Fenech et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et deċiż fil-5 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti Kostituzzjonali varjat is-sentenza tal-ewwel Qorti u akkordat is-somma ta' 15,000 tenut kont tal-fatt li Fenech kellu l-eta ta' **73 sena** meta miet u dan seħħ fi żmien qasir wara li ġie dijanjostikat bil-marda. Oltre dan huwa kien ilu snin li rtira mix-xogħol.

Bż-żieda ma dawn rat ukoll is-sentenza tagħha stess mhux appellata fl-ismijiet **George Spiteri et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards fi ħdan il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni deċiża fit-23 ta' Novembru 2016** fejn akkordat **kumpens ta' €25,000** wara li qieset li George Spiteri miet fl-eta ta' **66 sena.** F'dik l-epoka huwa kien qieghed jircievi l-pensjoni taz-zewg terzi, liema pensjoni huwa kien ilu jircievi sa mill-5 ta' Frar 2005 sakemm miet fit-18 ta' Gunju 2010.

Il-Qorti għamlet dan l-ezerċizzju n kwantu għal dak sottomess mir-rikorrenti fejn iva taqbel li biex isir ġustizzja għandu jkun hemm ċertu uniformita' u prevedibbilita' għal dak li se jkun deċiz, dan dejjem fl-isfond tal-fatt lil Qrati tagħna mihomx marbutin bi prinċipju ta' preċedent, pero huwa risapput li sentenzi preċedenti jistgħu jservu bħala linea gwida biex Qorti tassal b'mod seren għal gudizzju tagħha. U hija preċisament minn din il-linja gwida lil Qorti tista tintraċċia dak li għandu jkun kumpens ġust fil-kaz odjern.

Il-Qorti tinnota illi t-talba rikorrenti hija limitata għal kumpens pekunjarju. Dana pero anke in linea mall-ġurispruedenza riferuta ma jorbotx idejn din il-qorti biex tassal għal kumpens oltre bħala rimedju. Aktar u aktar magħdud mall-fatt li qajla jew xejn ma tressqu provi ta' telf pekunjarju.

In kwantu għal danni morali/kumpens non-pekunjarju, il-fatturi gwidanti għal din il-qorti huma s-segwenti;-

- l-eta' ta' meta miet missier ir-rikorrenti, ġia nafu li kienet waħda avanzata ta' 83 sena;
- it-tul taż-żmien li fiha il-mejjet dam sofferenti ta' l-istess marda qerrieda tista tgħid li beda minn April, 2014, mentri miet tmien xhur wara f'Diċembru ta' l-istess sena. Ġie djanonizzat b'din il-marda ta' *mesothelioma* biss fl-1 ta' Novembru ta' l-istess sena;
- f'dan iż-żmien il-missier spiċċa kif ġia muri naqqas mill-atttivitajiet normali tiegħu u anke dipendenti fuq l-għajnuna ta' uliedu , l-aktar bintu l-attriċi.

Dana kollu u dana biss jirizulta mill-affidavit ta' l-attur.

Fattur ieħor imressaq mill-intimati u li rrizulta mix-xhieda ta' Jesmond Marshall huwa l-kumpens li ġie moghti mill-entita' Amerkiana għal din l-isfortuna li messet lil din il-familja.

Tenut dan il-fatturi kollha u wara lil Qorti ħadet sew in konsiderazzjoni il-kumpens mogħti mill-qrati nostrana kif fuq elenkat tqies lil f'dan il-kaz il-kumpens għandu jiġi likwidat fis-somma ta' €10,000.

Konsegwentement qeghda hekk tiddisponi mit-talbiet u l-eċezzjonijiet relatati ma l-istess.

Għaldaqstant qegħda taqta u tiddeċidi billi fl-ewwel lok tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati cioe dik ibbazata fuq *ir-ratione temporis*.

Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li ġie vjolat id-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja u li l-ħajja ta' l-individwu ma titqiegħedtx f'perikolu bla bżonn ai termini ta' l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea Għad-drittijiet tal-Bniedem, applikabbli ukoll lokalment via l-Kap 319 Tal-Ligijiet ta' Malta.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba għar-raġunijiet hawn fuq espressi u konsegwentement tastjeni mill tieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni fil-mertu ta' l-intimati .

Tilqa' r-raba', ħames u sitt talbiet u tillikwida bħala danni non-pekunjarji s-somma ta' ghaxar t'elef ewro, €10,000, pagabbli ugwalment bejn ir-rikorrenti liema somma għandha titħallas *in solidum* bejn l-intimati.

Tiċħad il-kumplament ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati.

Tordna lill-intimati Tabib Prinċipali tal-Gvern u l-Avukat Ġenerali jħallsu flimkien u solidalment bejniethom l-ispejjeż tal-kawża marbutin mat-talbiet kollha ukoll ma kull eċċezzjoni miċħuda għajr għal dawk it-talbiet u eċċezzjoni lil Qorti astjeniet minnhom kif deċiz liema spejjez għandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti solidament bejniethom.

Onor Dr. Miriam Hayman
Imhallef

Victor Deguara
Deputat Registratur